# REKWIŻITI ESSENZJALI

## I Deskrizzjoni tar-rekwiżiti essenzjali[1]

Introduzzjoni

1. Kif diġà huwa deskritt fit-test ewlieni ta' l-Opinjoni, ir-Regolament Bażiku jiddefinixxi, bħala wieħed mill-kompiti ta' l-Aġenzija, l-għoti ta' l-appoġġ tekniku meħtieġ lill-Kummissjoni, kif ukoll l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' l-Opinjonijiet li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża l-proposti leġiżlattivi tagħha rigward is-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili. Dan jimplika b'mod partikolari li l-objettivi tas-sigurtà jkunu stipulati mil-leġiżlatur. Dawn l-objettivi tas-sigurtà huma ddefiniti fir-rekwiżiti essenzjali.

2. L-Aġenzija tenfasizza li l-protezzjoni taċ-ċittadini permezz ta' rekwiżiti essenzjali approvati mill-ogħla istituzzjonijiet politiċi huwa prinċipju stabbilit sewwa fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-prodotti. L-istess filosofija kienet adottata mil-leġiżlatur Ewropew għas-servizzi kruċjali kollha tas-sigurtà fl-avjazzjoni, koperti sa issa mis-sistema EASA. "Mudell ġdid" tali kien implimentat ukoll meta kien qed jiġi stabbilit il-qafas ta' l-Ajru Uniku Ewropew (SES) fil-każ tar-regolament dwar l-interoperabbilità tan-netwerk ATM Ewropew. L-istess mudell kien aċċettat dan l-aħħar mill-partijiet b'interess rilevanti għar-regolazzjoni tas-sigurtà fl-operazzjonijiet ta' l-ajrudromi.

3. Fil-paragrafi li ġejjin se jingħata l-isfond u l-ġustifikazzjoni għall-iżvilupp tar-rekwiżiti essenzjali. L-objettivi ewlenin huma li jkunu spjegati:
   - x'inhuma rekwiżiti essenzjali;
   - il-proċess tal-mitigazzjoni tal-periklu li huwa użat biex ikunu żviluppati r-rekwiżiti essenzjali;
   - kif jippermettu l-konformità ma' l-istandards u l-prattiċi rrakkomandati ta' l-ICAO, kif ukoll mar-Regolamenti SES u l-ESARRs;
   - kif jippermettu li jiddaħħlu r-regolamenti tas-sigurtà eżistenti fi ħdan is-sistema ta' l-EASA.

4. Kif jindika isimhom, ir-rekwiżiti essenzjali huma l-kundizzjonijiet li jridu jkunu sodisfatti minn servizz, prodott, persuna jew organizzazzjoni biex ikun żgurat li l-pubbliku ma jkunx affettwat aktar milli hu meħtieġ mill-operazzjonijiet jew l-attivitajiet tagħhom. Għaldaqstant huma jindirizzaw il-mezzi li permezz tagħhom, ir-riskji assoċjati ma' attività speċifika, kull meta jkun raġonevolment possibbli, ikunu eliminati jew imnaqqsa għal livell aċċettabbli. Biex jinkiseb dan il-għan, il-perikli u r-riskji assoċjati kienu identifikati u analizzati, biex ikunu stabbiliti r-rekwiżiti li huma essenzjali biex ikunu mmitigati r-riskji li mhumiex aċċettabbli. F'dan l-ambitu, irid ikun iċċarat li l-proċessi taċ-ċertifikazzjoni mhumiex mezzi ta' mitigazzjoni; huma l-verifika li miżura li timmitiga qed tkun implimentata. Fir-rigward tal-mezzi ta' mitigazzjoni, huwa importanti wkoll li wieħed jinsisti li jridu jkunu proporzjonati ma' l-objettiv tas-sigurtà. Dan ifisser li m'għandhomx ikunu aktar milli huwa meħtieġ biex jinkiseb il-benefiċċju tas-sigurtà mistenni, u ma jridux joħolqu restrizzjonijiet bla bżonn li ma jkunux iġġustifikati minn dak l-objettiv. Biex ikunu vvalidati r-riżultati ta' mudell "minn l-ogħla livell 'l isfel" tali, saret analiżi "mill-inqas livell sa l-ogħla wieħed" biex ikun eżaminat għaliex kienu mposti rekwiżiti essenzjali partikolari; liema riskji kienu qed jiġu mitigati minn tali rekwiżiti; u jekk il-mezzi użati kinux proporzjonati għall-objettiv tas-sigurtà.

[1] Għall-finijiet ta' tagħrif biss.

5. F'dan l-ambitu, l-Aġenzija wettqet xogħol biex tevalwa l-perikli għas-sigurtà li għandhom x'jaqsmu ma' l-interazzjoni bejn l-ajruplani, fuq l-art u fil-fażijiet kollha ta' titjira. Il-kriterji li jimmitigaw li kienu ddaħħlu fir-rekwiżiti essenzjali, meta r-riskju assoċjat deher li ma kienx aċċettabbli, jippermettu l-konformità ma' l-Annessi ta' l-ICAO u l-leġiżlazzjoni SES rilevanti, kif ukoll ma' l-ESARRs ta' l-Eurocontrol sa fejn kienu relatati mar-rekwiżiti tas-sigurtà u ta' l-interoperabbilità globali. Ir-rekwiżiti essenzjali li jirriżultaw kienu strutturati f'taqsimiet loġiċi, bil-għan li joffru wkoll, sa fejn huwa prattikabbli, konsistenza ma' l-istruttura u l-kontenut tal-ħames settijiet l-oħra ta' rekwiżiti essenzjali inklużi fir-Regolament Bażiku għall-oqsma l-oħra tas-sigurtà fl-avjazzjoni. Din il-konsistenza hija element wieħed tal-mudell ibbażat fuq sistema totali, li għandu l-għan li jkun żgurat li regoli ddettaljati dwar is-sigurtà fl-oqsma kollha tas-sigurtà fl-avjazzjoni se jkunu żviluppati fuq il-bażi ta' prinċipji simili u jkunu jkopru l-objettivi kollha ppjanati għas-sigurtà, mingħajr nuqqasijiet li potenzjalment jistgħu jkunu ta' ħsara għal-livell tas-sigurtà. It-taqsimiet ta' dawn ir-rekwiżiti essenzjali huma:

- L-użu ta' l-ispazju ta' l-arja
- Is-servizzi
- Is-sistemi u l-kostitwenti
- Il-kwalifikazzjoni tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru
- Il-forrnituri ta' servizz u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ

6. Kif kien spjegat f'NPA 2007-16, ir-rekwiżiti essenzjali kienu abbozzati bil-għan li jippermettu mezzi ta' implimentazzjoni alternattivi, li jistgħu jvarjaw skond it-tip tas-servizz, il-prodott, il-persuna jew l-organizzazzjoni rregolati. Huma joħolqu l-mandat ġuridiku meħtieġ għal aktar regoli ta' implimentazzjoni jew għall-infurzar dirett. Se jkun possibbli, għaldaqstant, li jkunu żviluppati regoli ta' implimentazzjoni bbażati fuq il-materjal diġà żviluppat fl-ambitu ta' l-ICAO, is-SES u l-EUROCONTROL, jew li jkunu introdotti forom oħra ta' regolazzjoni skond it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jitnisslu minn dan id-dokument.

<u>Il-mitigazzjoni tar-riskji relatati ma' l-użu ta' l-ispazju ta' l-arja</u>

7. Il-punt tat-tluq għat-tmexxija tajba tat-traffiku ta' l-ajru fi spazju ta' l-arja speċifiku huwa li jkun żgurat li jeżistu regoli u proċeduri operattivi u li l-ajruplani kollha jikkonformaw magħhom. Sitwazzjoni bħall-operazzjoni ta' titjira kkontrollata mingħajr ma tinkiseb l-approvazzjoni xierqa tal-kontrolluri t-traffiku ta' l-ajru tista' taffettwa ħażin is-separazzjoni sigura minn titjiriet ikkontrollati oħrajn, li jista', f'xenarju pessimist, iwassal għal ħabta bejn ajruplani. Fl-ambitu ta' l-ICAO, l-Anness 2, li fih ir-regoli ta' l-arja, flimkien ma' Annessi oħra u xi dokumenti oħra ta' l-ICAO, bħall-ATM tal-PANS (Dok 4444) u l-Operazzjonijiet ta' l-Ajruplani tal-PANS (Dok 8168), fihom bosta regoli u proċeduri operattivi tali. L-għan tal-paragrafu 1.a tar-rekwiżiti essenzjali huwa li jistabbilixxi bis-setgħa ta' mandat, il-konformità mar-regoli u l-proċeduri komuni li huma kruċjali għas-sigurtà u li huma relatati ma' l-interazzjoni sigura bejn l-ajruplani. Dan il-prinċipju, fir-rigward tar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-utenti ta' l-ispazju ta' l-arja ta' l-ATM/ANS, huwa konsistenti b'mod sħiħ ma' l-Anness 6 ta' l-ICAO. Għalkemm la r-regoli SES u lanqas l-ESARRs ma fihom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-operazzjonijiet ta' l-ajruplani, ir-rekwiżiti għall-operazzjonijiet ta' l-arja jinsabu fl-EU-OPS. Dan il-paragrafu joħloq il-bażi għal tali regoli ta' l-implimentazzjoni dettaljati. Għandu jkun enfasizzat ukoll li dan l-objettiv tas-sigurtà bl-ebda mod ma jimmira li joħoloq regoli jew proċeduri ġodda jew mhux meħtieġa fl-ispazju ta' l-arja mhux ikkontrollat (klassi G). Barra minn hekk, bħala kjarifika għal xi tħassib imfisser fil-konsultazzjoni, tali regoli tas-sigurtà jridu jkopru ż-żona ta' moviment kollha, irrispettivament minn min jikkontrolla u/jew jimmaniġġja t-traffiku tagħha. Fl-aħħar nett, il-kompetenza tal-piloti u kwistjonijiet tat-taħriġ, inklużi dawk fir-rigward ta' l-użu

ta' l-ispazju ta' l-arja, b'mod iddeliberat ma kinux indirizzati minn dan ir-RE, minħabba li diġà huma koperti mir-Regolament Bażiku.

8. Barra minn hekk, titjira m'għandhiex issir mingħajr tagħmir li jiffunzjona tajjeb abbord l-ajruplan, inkluż naturalment dak it-tagħmir meħtieġ għall-ATM/ANS. In-nuqqas, l-użu ħażin jew id-disfunzjoni ta' tali tagħmir jista' jwassal biex il-pilota ma jkollux referenzi f'ċerti kundizzjonijiet meteoroloġiċi, jew li l-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru ma jkunx kapaċi jirċievi tagħrif dwar l-identità u l-pożizzjoni ta' l-ajruplan. Dan jista' jirriżulta fit-telfien ta' l-orjentazzjoni, it-telfien tal-kontroll, ħsara fl-ajruplan jew xi tagħmir tiegħu, jew anki kolliżjoni ma' xi ajruplan ieħor jew ma' l-art. Barra minn hekk, il-volum dejjem jikber tat-traffiku ta' l-ajru u l-limitazzjonijiet fil-kapaċità li qed jitfaċċaw joħolqu l-ħtiġijiet għal kunċetti operattivi ġodda, li fil-maġġoranza tal-każijiet jeħtieġu l-ġarr ta' tagħmir ATM/ANS ġdid fuq l-ajruplan. Minħabba din ir-raġuni, kien żviluppat il-punt 1.b; biex jimponi li tagħmir adattat relatat mas-sigurtà fi spazju ta' l-arja speċifiku jkun abbord u operattiv. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-tagħmir relatat ma' l-ATM/ANS li jkun abbord jinsabu prinċipalment fl-Annessi 6 u 10 ta' l-ICAO, imma r-rekwiżiti relatati mal-ġarr mandatorju tiegħu huma parti mill-ftehim Reġjonali ta' l-ICAO dwar in-Navigazzjoni bl-Ajru. Għalkemm la r-regoli SES u lanqas l-ESARRs ma fihom dispożizzjonijiet ġeneriċi dwar l-operazzjonijiet ta' l-ajruplani, ir-rekwiżiti għall-operazzjonijiet ta' l-ajru jinsabu fl-EU-OPS. Madankollu, regoli ta' l-implimentazzjoni speċifiċi tar-Regolament (KE) Nru 552/2004 dwar l-interoperabbilità jistgħu jkunu adottati, bir-rekwiżiti fir-rigward tat-tagħmir ATM ta' l-ajruplani. Dan ir-RE se jippermetti li din il-prattika tkompli. It-test ta' l-abbozz tar-RE issa ġie emendat ftit biex jirreferi b'mod ċar għal dak it-tagħmir biss li huwa rilevanti fi-spazju ta' l-ajru partikolari.

<u>Mitigazzjoni tar-riskji relatati mas-servizzi ATM/ANS</u>

*Servizzi ta' tagħrif ajrunawtiku*

9. Is-servizzi ATM huma dipendenti fuq il-kwalità u l-puntwalità tal-forniment tat-tagħrif ajrunawtiku. Tagħrif żbaljat mogħti lill-ekwipaġġ ta' titjira jista' joħloq riskji sinifikanti għas-sigurtà tat-titjira. Tabilħaqq, kien hemm inċidenti fil-passat prinċipalment ikkawżati minn tali żbalji fid-dejta tal-bidu ta' l-AIPs nazzjonali, per eżempju. Tradizzjonalment id-dokumentazzjoni u t-tagħrif ajrunawtiċi kollha huma disponibbli għall-ekwipaġġ ta' titjira f'format stampat. Il-maġġoranza ta' dan it-tagħrif issa hija disponibbli f'format elettroniku. L-importanza ta' tagħrif ajrunawtiku ta' kwalità għolja tiżdied b'mod sinifikanti bl-implimentazzjoni ta' metodi u teknoloġiji ġodda. Hekk ġara fil-każ tas-sistemi tan-navigazzjoni miġrura bl-ajru bbażati fuq l-informatika u fil-kondiviżjoni tat-tagħrif permezz ta' sistemi moderni ta' konnessjoni tad-dejta. Huwa għaldaqstant ovvju li l-kwalità tat-tagħrif ma tistax tkun iggarantita mingħajr ma tkun assigurata wkoll il-kwalità tad-dejta użata bħala l-għajn tagħha. Din hija r-raġuni għall-iżvilupp tal-paragrafu 2.a.1. Dan ir-rekwiżit huwa f'konformità ma' l-Anness 15 ta' l-ICAO, imma jmur aktar 'l hinn bil-għan li jkopri l-ħtiġijiet li qed jiżviluppaw mill-iżvilupp mgħaġġel tat-teknoloġija bbażata fuq id-dejta u kunċetti ġodda li qegħdin jiżviluppaw, bħall-ġestjoni tat-tagħrif ajrunawtiku (AIM). Fl-ambitu tas-SES, paragrafu 1 ta' l-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 jipprovdi rekwiżiti speċifiċi għall-kwalità tad-dejta tal-bidu. Dan ir-RE jkopri din il-kwistjoni. F'dan l-ambitu wkoll, il-kompiti ta' l-Aġenzija huma limitati għal dawk li għandhom rilevanza għas-sigurtà.

10. Kif kien spjegat fuq, it-tagħrif ajrunawtiku irid ikun ibbażat fuq dejta tal-bidu kkwalifikata u jrid jinżamm aġġornat. Dan, madankollu, mhux biżżejjed minnu nnifsu. Il-kwalità tiegħu trid tinżamm matul il-fażijiet kollha tal-forniment tiegħu. Dan jassumi li t-tagħrif ajrunawtiku jrid ikun ipproċessat b'mod adattat u fornut f'format li jiftiehem lill-ekwipaġġi tat-titjiriet kollha, waqt li jkun żgurat li jkun fih id-dettalji rilevanti kollha. Jekk l-utent ma jistax jifhem id-dejta, din ma tistax twassal it-tagħrif meħtieġ. Dan iwassal għal riskji simili għal sitwazzjoni fejn m'hemm l-ebda dejta, jew aktar agħar, għal sitwazzjoni fejn id-dejta tista' tkun interpretata b'mod ħażin, biex tinħoloq

sitwazzjoni perikoluża. Dawn il-prinċipji, iddikjarati f'paragrafu 2.a.2, huma mill-ġdid konsistenti ma' l-Anness 15 ta' l-ICAO, imma ġew estiżi biex ikopru l-forom kollha tat-teknoloġiji moderni bbażati fuq id-dejta użati għall-ġestjoni tat-tagħrif ajrunawtiku. Fl-ambitu tas-SES, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005, Anness IV jipprovdi rekwiżiti speċifiċi għall-forniment ta' servizz ta' tagħrif ajrunawtiku. Dan il-paragrafu se jippermetti li l-aspetti tas-sigurtà ta' dan ir-regolament ikunu integrati fis-sistema EASA.

11. Biex ikun ikkumplimentat il-qafas għat-tagħrif ajrunawtiku deskritt fuq, huwa wkoll essenzjali li jkunu stabbiliti modi u mezzi għall-komunikazzjoni tiegħu biex isseħħ b'mod imħaffef u mingħajr ma jinbidel il-kontenut tiegħu. Il-periklu maħluq mill-pussess ta' dejta żbaljata jew meta wieħed jirċievi tali dejta tard wisq, huwa evidenti minn dak mistqarr fuq. L-għan tal-paragrafu 2.a.3 huwa li tkun żgurata t-trasmissjoni mħeffa u b'mod integru tad-dejta u huwa konformi ma' l-Anness 15 ta' l-ICAO, li madankollu jidher li huwa limitat prinċipalment għall-applikazzjonijiet tradizzjonali f'dan il-qasam. Fl-ambitu SES, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005, Anness IV jipprovdi rekwiżiti speċifiċi għall-forniment ta' servizz ta' tagħrif ajrunawtiku, imma li ma jkoprux b'mod totali l-għan ta' dan ir-RE, per eżempju meta jiġi għall-forniment ta' dejta elettronika għall-avjoniċi ta' l-ajruplani. Din il-kwistjoni tqajmet mill-Kumitat għas-Sigurtà fl-Ajru, li adotta bidla fl-EU-OPS meta introduċa paragrafu ġdid 1.873, li se jkun ippubblikat dalwaqt u se jidħol fis-seħħ matul is-sajf ta' l-2008. Dan ir-RE huwa konformi ma' din id-dispożizzjoni. It-test ta' l-abbozz tar-RE kien emendat billi minflok 'integru' iddaħħal il-kliem 'protett minn interferenza u korruzzjoni', biex ikun aktar ċar.

*Is-servizzi meteoroloġiċi*

12. Is-sigurtà ta' ajruplan tista' tkun affettwata b'mod sinifikanti minn kundizzjonijiet meteoroloġiċi ħżiena fi kwalunkwe fażi tat-titjira. Titjira li tidħol f'kundizzjonijiet meteoroliġiċi ħżiena tista' ġġarrab telfien tal-kontroll, ħsara fatali fl-ajruplan jew titjira kkontrollata għal ġo l-art, li kwalunkwe waħda minnhom twassal għal-telfien ta' l-ajruplan. Biex ikunu evitati tali sitwazzjonijiet, il-pilota jrid ikollu disponibbli, meta jippjana t-titjira u matul it-twettiq tagħha, it-tagħrif meteoroloġiku mistenni kollu – bħar-riħ fuq l-art u aktar 'l fuq, il-viżibilità, il-kundizzjonijiet tat-temp attwali u mbassra, it-tipi tas-sħab u l-għoli tagħhom, u l-pressjoni atmosferika – matul ir-rotta ppjanata, kif ukoll fl-ajrudromi tat-tluq u tad-destinazzjoni. Kif kien diġà ddikjarat fuq dwar it-tagħrif ajrunawtiku, il-kwalità tat-tagħrif ajrunawtiku ma tistax tkun iggarantita mingħajr ma tkun assigurata wkoll il-kwalità tad-dejta wżata bħala sors għaliha. Għalkemm l-Anness 3, Pati I ta' l-ICAO fih tagħrif li għandu x'jaqsam mal-mezzi ta' mitigazzjoni li jiżguraw il-kwalità tad-dejta tal-bidu għat-tagħrif meteoroloġiku ta' l-ajrunawtika, huwa ma jipprovidx il-mezzi regolatorji għall-implimentazzjoni meħtieġa. Fl-ambitu SES, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005, Anness III jipprovdi rekwiżiti speċifiċi għall-forniment ta' servizzi meteoroloġiċi, inkluża l-kwalità tad-dejta tal-bidu. Dan ir-RE jippermetti li l-aspetti tas-sigurtà jkunu ttrasferiti għas-sistema EASA. Il-paragrafu 2.b.1 jistabbilixxi l-bażi ġuridika meħtieġa f'dan ir-rigward.

13. Hawn ukoll, il-kwalità tat-tagħrif meteoroloġiku għall-ajrunawtika trid tkun żgurata matul il-fażijiet kollha tal-forniment tiegħu, li jfisser li jrid ikun ipproċessat sewwa, inkluż it-tbassir, kif ukoll fornut f'format li jiftiehem mill-piloti, li jridu jkunu kapaċi li fih isibu d-dettalji kollha rilevanti. Ir-riskji għas-sigurtà relatati ma' fehim ħażin tad-dejta meteoroloġika huma eżattament l-istess, jekk mhux agħar, bħallikieku ma kien hemm ebda dejta, li potenzjalment iwassal lill-piloti biex jieħdu deċiżjonijiet perikolużi minħabba interpretazzjoni ħażina tat-tagħrif. L-għoti puntwali tat-tagħrif meteoroloġiku huwa wkoll imperattiv. Jista' jseħħ inċident serju jekk messaġġ SIGMET (li javża lill-avjaturi dwar fenomeni tat-temp perikoli b'mod sinifikanti) ikun ippromulgat tard wisq, li jwassal biex ajruplan mingħajr radar tat-temp miġrur abbord, itir ġo maltempata qawwija bir-ragħad. Il-paragrafu 2.b.2 joħloq mandat li tkun speċifikata l-kwalità, il-puntwalità u l-format tat-tagħrif meteoroloġiku għall-ajrunawtika u huwa bbażat fuq l-

Anness 3, Partijiet I u II ta' l-ICAO. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005, Anness IV jipprovdi rekwiżiti speċifiċi għall-forniment ta' servizzi meteoroloġiċi. Bħal fuq, dan ir-RE jippermetti li l-aspetti tas-sigurtà jkunu ttrasferiti fis-sistema EASA.

14. Biex jingħalaq iċ-ċirkwit tal-garanzija dwar il-kwalità tat-tagħrif meteoroloġika għall-ajrunawtika li jirċievu l-utenti ta' l-ispazju ta' l-arja, il-paragrafu 2.b.3 jistabbilixxi bis-setgħa ta' mandat li l-komunikazzjoni u l-promulgazzjoni tat-tagħrif meteoroloġiku jseħħu fil-ħin u mingħajr ma jinbidel il-kontenut tagħhom. Ir-riskji għas-sigurtà hawnhekk huma simili ħafna għal dawk imsemmija fil-paragrafu ta' qabel. Dan il-prinċipju jitnissel ukoll mill-Anness 15, imma hija mill-ġdid kwistjoni ta' teknoloġiji ġodda li qed jiżviluppaw, li se jtejbu l-kwalità, id-disponibbiltà u l-promulgazzjoni tat-tagħrif meteoroloġiku. Mezzi regolatorji għandhom għaldaqstant ikunu adattati biex jippermettu li l-aspetti tas-sigurtà jkunu ttrasferiti għas-sistema EASA. L-abbozz tar-RE issa ġie emendat għal raġunijiet ta' kjarifika biex jirreferi għas-servizzi MET u biex ikopri l-utenti relatati għas-sigurtà kollha. Barra minn hekk, bidla simili rigward ir-RE ta' qabel saret fir-rigward tal-ħtieġa li t-tixrid tad-dejta jkun protett b'mod adegwat.

*Is-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru (ATS)*

15. L-ATS jiddependu b'mod qawwi fuq l-iskambju tad-dejta. Tagħrif dwar it-titjira u pariri u ordnijiet ta' l-ATC huma ta' natura operattiva, li jippreżentaw ċirkustanzi ġodda jew mibdula lill-pilota li jkun fil-kmand f'każijiet li għandhom impatt fuq id-deċiżjonijiet tiegħu/tagħha għat-tmexxija sigura tat-titjira. Biex tali tagħrif jew ordnijiet ikunu implimentati b'mod sigur mill-pilota, iridu jkunu bbażati fuq dejta tal-bidu li hija korretta, sħiħa u attwali. Ir-riskji għas-sigurtà li m'humiex aċċettabbli relatati għal dejta tal-bidu li tkun żbaljata jistgħu jkunu varji u ta' natura differenti, bħall-approvazzjoni ta' l-ATC biex wieħed jitlaq f'ħin speċifiku minn livell ta' titjir speċifiku bbażat fuq tagħrif żbaljat dwar traffiku ta' l-ajru ieħor. Tali sitwazzjonijiet b'mod ċar se jwasslu għal tnaqqis fil-marġni tas-sigurtà antiċipati, telf tas-separazzjoni jew anki r-riskju ta' kolliżjoni ma' ajruplan ieħor. Ir-responsabbiltà li tkun żgurata l-kwalità tad-dejta użata bħala għajn għal kwalunkwe servizz tat-traffiku ta' l-ajru hija imposta mill-paragrafu 2.c.1. Dan ir-rekwiżit essenzjali huwa konformi mal-prinċipji fornuti mill-ICAO, prinċipalment fl-Annessi 11 u 2 kif ukoll fid-Dok 4444 tal-PANS-ATM, imma li madankollu ma jindirizzawx b'mod ċar ir-responsabbiltajiet dwar kif tkun żgurata l-kwalità tad-dejta tal-bidu. Dan ir-rekwiżit huwa diġà kopert mir-Regolament (KE) Nru 552/2004, Anness II, Parti B, paragrafi 3.1.1, 3.2.1 u 3.3.1, kif ukoll il-Paragrafu 4 ta' ESARR 6. Dan ir-RE jittrasferixxi l-aspetti tas-sigurtà lis-sistema EASA. Il-kliem ta' l-abbozz inizjali tar-RE kien issimplifikat biex jirreferi għall-ATS, mingħajr ma jsemmi b'mod speċifiku s-servizzi konsultattivi.

16. B'mod simili għal fuq, servizz ATC (jew servizz konsultattiv dwar it-traffiku ta' l-ajru) irid ikun kapaci jżomm livell adattat ta' kwalità u puntwalità. Per eżempju, it-telfien tas-separazzjoni jista' jkun ikkawżat minn ajruplan li bla intenzjoni ħażina jingħata parir biex imur f'żona ta' unità TAS oħra b'mod li ma jkunx ikkoordinat. Dan b'mod ċar se jwassal għal tnaqqis fil-marġni tas-sigurtà ppjanat. Il-mitigazzjoni ta' tali riskji b'mod ċar teħtieġ l-ipproċessar sewwa tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru fornuti. Il-paragrafu 2.c.2 għandu l-għan li jimmitiga l-ipproċessar inadegwat ta' kwalunkwe servizzi tat-traffiku ta' l-ajru, inklużi l-iżbalji relatati mal-fatturi umani li jkun hemm. Bħal fuq, dan jippermetti wkoll il-konformità ma' l-Anness 11. Fl-ambitu SES, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 jirreferi b'mod ġenerali għall-Anness 11 ta' l-ICAO. Għaldaqstant, dan ir-RE ma jintroduċix obbligi ġodda. Bidla simili għal dik imsemmija fil-paragrafu ta' fuq saret fl-abbozz ta' dan ir-RE.

17. Barra minn hekk, meta tintuża għodda awtomatizzata biex tforni tagħrif jew pariri lill-utenti ta' l-ispazju ta' l-arja, il-kwalità u l-puntwalità ta' dak is-servizz iridu jkunu

żgurati. Jekk messaġġ għal servizz ta' tagħrif terminali awtomatizzat (ATIS) ma jitħejjiex b'mod puntwali, jista' jkun fih tagħrif falz dwar il-kundizzjonijiet tal-wiċċ tar-ranwej u jista' għaldaqstant iwassal għat-telfien tal-kontroll jew il-ħruġ mir-ranwej ta' l-ajruplan li jkun qed jillandja. Riskju tas-sigurtà simili jista' jseħħ jekk it-tagħmir ATIS ma joperax b'mod adattat minħabba kwalunkwe raġuni teknika relatata mad-disinn, il-manifattura jew il-manutenzjoni tiegħu. Dan huwa l-għan tal-paragrafu 2.c.3 li b'mod ġenerali jagħti appoġġ lill-objettivi stabbiliti mill-ICAO. Bħala eżempju, il-Kapitolu 8 ta' l-Anness 14, Volum I ta' l-ICAO, jistabilixxi prinċipji għad-disinn, il-manifattura u l-manutenzjoni adattati għal ċerti faċilitajiet tan-navigazzjoni bl-ajru. Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 dwar l-interoperabbilità tas-SES jistabilixxi wkoll bażi ġuridika għal tali miżuri, imma mingħajr referenza espliċita li tkopri l-adattament għall-għan ta' dawn l-għodda awtomatizzati. ESARR 4 wkoll ikopru din il-kwistjoni b'mod ġenerali. Għaldaqstant, dan il-paragrafu jipprovdi bażi adegwata għat-traspożizzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti.

18. L-għan ta' l-ATC, fir-rigward tas-sigurtà, huwa li jevita kwalunkwe kolliżjoni bejn l-ajruplani, u bejn l-ajruplani u xi ostaklu fuq wiċċ l-art, kif ukoll li jipprovdi pariri u tagħrif utli għat-tmexxija tajba tat-titjiriet. Servizz ATC huwa kombinazzjoni kumplessa ta' determinazzjoni tal-pożizzjonijiet relattivi ta' l-ajruplani magħrufa fiż-żoni tar-responsabbiltà, il-ħruġ tat-tagħrif u l-approvazzjoni minħabba s-separazzjoni sigura u l-koordinazzjoni ta' l-approvazzjoni ma' fornituri oħra ta' servizz ATC rilevanti f'żoni fil-ġnub. Biex ikunu mmitigati tali riskji mhux aċċettabbli għas-sigurtà, huwa meħtieġ li jkun hemm biżżejjed persunal disponibbli għal-livell mistenni tas-servizz u l-proċeduri użati jkunu adattati għall-għan maħsub għalihom. Barra minn hekk, fl-ATC dejjem hemm aspett qawwi ta' elementi operattivi lokali bħall-volum u n-natura tat-traffiku, id-disinn ta' l-ajrudrom u l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi, li kollha jridu jkunu indirizzati permezz ta' proċessi operattivi standardizzati. Dawn l-aspetti relatati għall-ippjanar u l-fatturi umani fl-ATC huma mmitigati permezz tal-paragrafu 2.c.4 li jitnissel mill-ġdid mill-prinċipji ta' l-Anness 11 ta' l-ICAO u d-Dok 4444 tal-PANS-ATM. Barra minn hekk, fl-ambitu SES, ma jeżistux tali rekwiżiti speċifiċi, imma bażi ġuridika għall-impożizzjoni tagħhom kienet stabbilita minn referenza ġenerika għall-Anness 11 fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005, Anness II, u għal operazzjonijiet kontinwi fir-Regolament (KE) Nru 552/2004, Anness II, Parti A. Dan ir-RE fih il-mandat meħtieġ biex jiżviluppa separazzjoni minn ostakli u perikli oħra miġrura bl-ajru, kif ukoll jenfasizza l-koordinazzjoni ma' volumi ta' spazju ta' l-arja fil-ġnub.

19. Anki jekk l-istruzzjoni jew l-approvazzjoni ATC huma korretti bħala tali u jqisu l-ambjent lokali b'mod speċifiku, xorta huwa possibbli li l-pilota ma jifhimx jew jipperċepixxi ħażin it-tagħrif mogħti, minħabba interferenza, frażjoloġija li ma tkunx ċara jew nuqqas ta' proċeduri fejn meta jasal messaġġ dan jinqara lura. Dan jista' jwassal, per eżempju, għal sitwazzjoni fejn pilota jipperċepixxi ħażin l-approvazzjoni mogħtija lil ajruplan ieħor bl-istess tip ta' kodiċi, biex jitlaq il-pożizzjoni ta' waqfien fuq ir-ranwej u jieħu lill-ajruplan fuq ir-ranwej attiva li f'dak il-ħin tkun qegħda tirċievi ajruplan li jkun qed jillandja, jew li jibda tlugħ għal livell ta' titjir li ma jkunx ingħata approvazzjoni biex juża. Żball bħal dan dejjem jikkawża inċident serju u jista' anki jwassal għal inċident katastrofiku. Il-paragrafu 2.c.5 jirrikjedi li tingħata mitigazzjoni biex tkun żgurata komunikazzjoni ċara, korretta u mingħajr ambigwità, bl-użu ta' frażjoloġija adattata u proċeduri fejn meta jasal messaġġ dan jinqara lura, bejn l-ARC u l-ajruplan. Dan għal darb'oħra huwa konformi ma' l-Anness 11 u d-dokumenti PANS-ATM rispettivi. Fl-ambitu SES, ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 dwar l-interoperabbilità joħloq bażi ġuridika għar-regoli ta' l-implimentazzjoni li jkopru dan il-qasam, kif jagħmel dan il-paragrafu. Fuq il-bażi tal-kummenti li waslu matul il-konsultazzjoni, it-test ta' l-abbozz tar-RE kien immodifikat biex b'mod ċar jinkludi fih anki komunikazzjoni ATC mill-art għall-art (proċeduri u frażjoloġija). B'mod simili, ir-RE kien emendat biex jirreferi għall-'protezzjoni minn intrużjoni' minflok il-kliem aktar qawwi 'ħieles mill-intrużjoni'.

20. Problemi tekniċi fuq ajruplan jistgħu jikkawżaw lill-ajruplan iġarrab inċident jew li jagħmel inżul ta' emerġenza f'żona perikoluża, fejn ma jinstabx mill-ewwel, biex b'hekk joħloq riskju addizzjonali għas-sigurtà tal-passiġġieri u l-ekwipaġġ. Dik kienet ir-raġuni għaliex il-paragrafu 2.c.6 jimponi r-rekwiżit li jkunu stabbiliti mezzi adattati għall-monitoraġġ ta' tali sitwazzjonijiet u, fil-każ ta' emerġenza, biex tinbeda ħidma kkoordinata ta' tfittxija u ta' salvataġġ għas-sejba u s-salvataġġ ta' dawk il-persuni fil-periklu. Dawn il-mezzi ta' mitigazzjoni huma konformi b'mod sħiħ ma' dak li hu meħtieġ mill-ICAO, fil-każ ta' ġbid ta' l-attenzjoni tas-servizzi, kif deskritt fl-Anness 11, Kapitolu 5, u sa fejn hu rilevanti fir-rigward tat-tfittxija u s-salvataġġ, kif stabbilit fl-Anness 12. Rigward is-SES, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 jagħmel referenza ġenerika għall-Anness 11 ta' l-ICAO, li jinkludi s-servizzi tal-ġbid ta' l-attenzjoni. Dan l-abbozz ta' RE huwa limitat għas-servizzi tal-ġbid ta' l-attenzjoni, u ma jinkludix l-implimentazzjoni ta' ħidma ta' tfittxija u salvataġġ.

*Is-servizzi ta' komunikazzjoni*

21. Is-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru hija bbażata ħafna fuq il-komunikazzjonijiet mobbli fiż-żewġ direzzjonijiet bejn l-ajruplan u s-servizzi ATS ta' l-art u l-komunikazzjonijiet fiż-żewġ direzzjonijiet bejn servizzi ATS ta' l-art differenti. Dawn il-komunikazzjonijiet jistgħu jkunu implimentati permezz tal-komunikazzjoni b'dejta diġitali jew komunikazzjoni tradizzjonali permezz tal-vuċi. Fil-każijiet kollha, il-kapaċitajiet tal-prestazzjoni tas-servizzi tal-komunikazzjoni jridu jkunu żgurati fir-rigward tad-disponibilità, l-integrità, il-kontinwità u l-puntwalità ta' dan is-servizz. Per eżempju, jekk l-ajruplani f'ambjent ta' traffiku ffullat f'daqqa waħda u mingħajr pre-avviż ma jirnexxilhomx jirċievu komunikazzjonijiet ATC, huma jkunu jridu jiżguraw is-separazzjoni sigura ta' wieħed mill-ieħor bil-kapaċità tagħhom biss, li jwassal għal sitwazzjoni perikoluża ħafna. Il-paragrafu 2.d.1 jindirizza r-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-komunikazzjonijiet bħala element fundamentali tas-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru. Dan huwa f'konformità sħiħa mal-kriterji tal-prestazzjoni tal-komunikazzjonijiet stabbiliti mill-ICAO fl-Anness 10 u fl-Anness 11 – Kapitolu 6, li t-tnejn li huma, madankollu, ma jindirizzawx b'mod konsistenti l-komunikazzjonijiet mill-art għall-art meħtieġa fis-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru. Il-kwistjoni tas-servizzi tal-komunikazzjoni trid tqis ukoll it-teknoloġiji moderni li qed jiżviluppaw, bħalma huma l-konnessjonijiet tad-dejta diġitali, li potenzjalment jipperemettu li ssir komunikazzjoni, per eżempju, b'mod dirett mas-sistemi tal-ġestjoni tat-titjira ta' l-ajruplan. Fl-ambitu SES, is-servizzi ta' komunikazzjoni huma koperti mir-Regolament (KE) Nru 552/2004, Anness II, Parti B, paragrafu 4.1 dwar l-interoperabbilità. L-Aġenzija temmen li l-kliem ta' l-abbozz tar-RE jippermetti li jkunu indirizzati l-aspetti tas-sigurtà tas-servizzi tal-komunikazzjoni kollha, irrispettivament minn jekk iseħħux bil-vuċi jew bid-dejta, u jkopru wkoll il-komunikazzjonijiet mill-art għall-art.

*Is-servizzi tan-navigazzjoni*

22. L-avjazzjoni moderna hija dipendenti ħafna fuq il-mezzi tan-navigazzjoni bir-radju li jipprovdu tagħrif preċiż dwar il-pożizzjoni u l-ħin għall-ajruplani fil-fażijiet differenti tat-titjira. Fl-aħħar għaxar snin, l-introduzzjoni ta' l-applikazzjonijiet differenti tan-navigazzjoni taż-żona (RNAV) ippermettiet l-operazzjonijiet ta' l-ajruplani fuq rotot ta' titjir preċiżi ħafna u b'hekk tejbet il-kapaċità ta' l-ispazju ta' l-arja disponibbli u l-prestazzjoni tat-traffiku ta' l-ajru. Tali metodu ta' navigazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni ġeneralment huwa dipendenti fuq il-kunċett ta' spazju ta' l-arja ddefinit, fuq it-tagħmir migrur bl-ajru, fuq l-infrastruttura ta' appoġġ fin-navigazzjoni u fuq il-kwalifiki ta' l-ekwipaġġ ta' l-ajruplan. Nuqqas fis-servizzi tan-navigazzjoni, fil-maġġoranza tal-każijiet, ikollu konsegwenzi immedjati fuq il-livell tas-sigurtà. Ajruplan fin-navigazzjoni ta' żona bażika li f'daqqa waħda jitlef il-kapaċità tiegħu li jżomm bi preċiżjoni r-rotta ddefinita joħloq inċident u jikkawża riskju potenzjali li jitlef is-separazzjoni minima speċifikata minn ma' ajruplan ieħor jew kwalunkwe spazju ta' l-arja ssegregat. Dan isir aktar kruċjali meta tali sitwazzjoni sseħħ fl-eqqel ħin tax-xogħol tal-kontroll tat-traffiku ta' l-

ajru. Il-paragrafu 2.e.1 għaldaqstant jimmitiga l-perikli relatati mal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bbażati prinċipalment fuq għajnuniet differenti tan-navigazzjoni bir-radju. Dan huwa f'konformità sħiħa mal-prinċipji pprovduti mill-ICAO fl-Annessi 6 u 10, kif ukoll id-dokumenti dwar in-navigazzjoni u l-pjanijiet ta' navigazzjoni reġjonali korrispondenti tiegħu. B'żieda ma' dak li diġà twettaq mill-ICAO, madankollu għandu jkun innutat li ammont kbir ta' teknoloġiji u metodi tan-navigazzjoni ġodda li qed jiżviluppaw se jkunu introdotti fil-ġejjieni abbord l-ajruplani, fl-art u fir-rigward tas-sistemi tan-navigazzjoni bbażati fuq is-satelliti, u probabbilment se jaffettwaw ukoll il-ħidmiet regolatorji meħtieġa dwar is-sigurtà. Is-servizzi tan-navigazzjoni diġà huma koperti mir-Regolament (KE) Nru 552/2004, Anness II, Parti B, paragrafu 5.1 dwar l-interoperabbilità. Din il-kwistjoni importanti dwar is-sigurta hija koperta b'mod adegwat mir-RE propost. Fuq il-bażi tal-kummenti li waslu, l-Aġenzija aċċettat li tneħħi l-kliem li kien jillimita wisq mill-abbozz tar-RE li jirreferi biss għas-servizzi tan-navigazzjoni bbażati fuq ir-radju u, min-naħa l-oħra, aċċettat li tikkjarifika l-għan tagħha, mhux biss fil-forniment tal-pożizzjoni assoluta imma wkoll fil-forniment tal-pożizzjoni relattiva, li tista' tissejjaħ gwida.

*Is-servizzi ta' sorveljanza*

23. Is-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru fi spazju ta' l-arja kkontrollat u fl-ajruporti jirrikjedi li l-pożizzjoni eżatta ta' l-ajruplani fl-arja u ta' ajruplani oħra u ta' vetturi ta' l-art fuq wiċċ l-art ta' l-ajruport ikunu magħrufa mill-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru u f'xi każijiet mill-piloti, meta jkunu qed jikkontrollaw is-separazzjoni sigura waħedhom. L-istruzzjonijiet u l-approvazzjoni tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru kif ukoll l-azzjonijiet ta' kontroll fl-awto-separazzjoni, iridu jkunu ibbażati fuq dejta ta' sorveljanza preċiża, prodotta minn radars ta' l-art, riċevituri ta' l-art li jkejlu l-pożizzjoni ta' l-ajruplan jew l-ajruplan innifsu li jittrażmetti lill-art id-dejta dwar il-pożizzjoni tiegħu ibbażata fuq is-satelliti. Is-sigurtà ta' l-ajruplani tistà tkun affettwata direttament mill-kwalità tad-dejta tal-lokazzjoni. Jekk il-lokazzjoni eżatta ta' ajruplan fi spazju ta' l-arja kkontrollat tkun ipperċepita b'mod żbaljat dan jista' jwassal sabiex il-kontroll ta' l-ajru ma jwettaqx ħidma korrettiva fil-każ li ajruplan, mingħajr intenzjoni, jersaq qrib wisq għal żona ta' taħriġ militari attiv, li b'hekk inaqqas il-marġni tas-sigurtà ppjanat għal tali attivitajiet. L-għan tal-paragrafu 2.f.1 huwa li jimmitiga r-riskji tas-sigurtà relatati għal tipi differenti ta' servizzi ta' sorveljanza, waqt li jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi imminenti f'dan il-qasam ukoll. Dawn il-mezzi ta' mitigazzjoni huma wkoll f'konformità mas-SARPs ta' l-ICAO, li jitnisslu prinċipalment mill-Anness 10, Volum 4, dwar is-sistemi ta' sorveljanza bir-radar u l-evitar ta' kolliżjoni. Fl-ambitu SES, is-servizzi ta' sorveljanza huma koperti mir-Regolament (KE) Nru 552/2004, Anness II, Parti B, paragrafu 6.1, dwar l-interoperabbilità, li hija l-għan ukoll ta' dan il-paragrafu.

*Il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku ta' l-ajru (ATFM)*

24. Jekk titgħabba wisq il-kapaċità ta' unità ATC jew kwalunkwe mis-setturi tagħha jew il-kapaċità ta' ajruport ta' riċeviment ta' traffiku, dan jista' jaffetwa b'mod negattiv il-livell tas-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru. Is-sevizzi ATFM kienu stabbiliti biex ikun evitat li l-kapaċitajiet jitgħabbew wisq. Huma jipprovdu tagħrif preċiż u attwali tat-traffiku ta' l-ajru ppjanat li jaffettwa forrnituri ta' servizz differenti u jikkoordinaw jew jinnegozjaw it-tibdil fir-rotot jew id-dewmien fil-fluss tat-traffiku, biex jevitaw milli jseħħu sitwazzjonijiet fejn il-kapaċitajiet jitgħabbew wisq. Dawn is-servizzi tal-ġestjoni tal-fluss kienu organizzati kemm permezz ta' unità operattiva ċċentralizzata unika kif ukoll permezz ta' unitajiet lokali jew reġjonali. Il-kompiti ta' l-unità ċċentralizzata jitqiesu bħala funzjoni regolatorja mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea, permezz ta' delega lil organizzazzjonijiet oħra; għaldaqstant ir-rekwiżiti tas-sigurtà relatati jridu jkunu ddefiniti fl-artikoli tar-Regolament Bażiku. Min-naħa l-oħra, is-servizzi ATFM lokali jew reġjonali jistgħu jitqabblu mal-forniment ta' servizz, u r-rekwiżiti tas-sigurtà tagħhom huma imposti permezz ta' rekwiżiti essenzjali adattati. Il-paragrafu 2.g.1 kien żviluppat biex jaħseb għall-perikli kkawżati minn talbiet qawwija wisq għal forniment ta' servizz li

jkunu relatati għal tali unitajiet lokali jew reġjonali, li joperaw b'mod indipendenti jew bħala parti minn fornitur ta' servizz ATS. Fl-ambitu ICAO, l-ATFM kienet rikonoxxuta u indirizzata per eżempju fid-Dok 4444 – PANS-ATM u fil-pjanijiet ta' navigazzjoni bl-ajru reġjonali. Fir-rigward ta' l-ambitu SES, qed jitħejja l-abbozz tar-regoli ta' implimentazzjoni permezz ta' proċess ta' mandat ta' l-EUROCONTROL.

*Il-ġestjoni ta' l-ispazju ta' l-arja (ASM)*

25. L-għan ta' servizz ASM huwa li jiddefinixxi l-istrutturi ta' l-ispazju ta' l-arja temporanji, li jimmaniġġja l-allokazzjoni tagħhom għall-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru speċifiċi, li jissorvelja l-użu tagħhom u li jforni tagħrif preċiż u attwali dwar id-disponibilità ppjanata u attwali għat-traffiku ta' l-ajru ġenerali. Servizz ASM irid jiżgura koordinazzjoni effettiva u skambju puntwali ta' tagħrif preċiż bejn l-unitajiet tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru rilevanti, ma' utenti militari, ma' l-ATFM u ma' utenti oħra ta' l-ispazju ta' l-arja meta jkun adattat. Il-preċiżjoni tat-tagħrif dwar l-istatus ta' dawn l-istrutturi ta' l-ispazju ta' l-arja, kif ukoll id-distribuzzjoni puntwali tiegħu u l-koordinazzjoni effettiva bejn il-fornituri rilevanti ta' l-ispazju ta' l-arja u ta' servizz, għandha effett b'mod dirett fuq it-tmexxija sigura tat-titjiriet. In-notifika ta' tagħrif ħażin, fl-ambitu tal-ħin u l-livelli tat-titjiriet, fuq id-disponibilità ta' kuljum ta' rotta kondizzjonali tista' twassal sabiex il-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru japprova ajruplan li juża din ir-rotta kondizzjonali u jgħaddi minn żona ta' periklu attiv. Dan ikun inċident serju li jista' jkollu konsegwenzi katastrofiċi. L-ASM kien organizzat b'mod speċifiku fuq livell strateġiku, pre-tattiku u tattiku. Il-kompiti tal-livell strateġiku ta' l-ASM jitqiesu bħala funzjonijiet regolatorji organizzati mill-Istati Membri, u għaldaqstant il-kundizzjonijiet tas-sigurtà relatati jridu jkunu imposti permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fir-Regolament Bażiku. Min-naħa l-oħra, il-livell pre-tattiku u tattiku ta' l-ASM jista jitqies mill-Istati Membri bħala forniment ta' servizz; ir-rekwiżiti tas-sigurtà tagħhom għandhom għaldaqstant ikunu mposti permezz ta' rekwiżiti essenzjali adattati. Dan huwa l-objettiv tal-paragrafu 2.h.1 (b'żieda mar-RE organizzattivi ġeneriċi), li jitnisslu b'mod dirett mill-kunċett ta' l-ASM deskritt mill-ICAO, u jikkonforma mar-regoli ta' implimentazzjoni tas-SES dwar l-użu flessibbli ta' l-ispazju ta' l-arja (FUA). Madankollu, ir-RE joħloq ukoll bis-setgħa ta' mandat, l-iżvilupp ta' aktar regoli ta' implimentazzjoni li jimmitigaw riskji tas-sigurtà differenti relatati ma' din l-attività.

<u>Mitigazzjoni tar-riskji relatati mas-sistemi u l-kostitwenti</u>

*Ġenerali*

26. Is-servizzi ANS/ATM huma bbażati fuq xibka kumplessa ta' sistemi u kostitwenti differenti li jiffurmaw l-infrastruttura teknika tal-kunċett ta' l-operazzjonijiet. Dawn is-sistemi u l-kostitwenti huma installati jew fuq l-ajruplan jew fl-art jew huma parti minn kostellazzjoni bbażata fl-ispazju. Flimkien huma jikkontribwixxu għall-forniment ta' servizz li jrid ikun sigur. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti essenzjali proposti jistipulaw fil-paragafu 3.a.1 li s-sistemi u l-kostitwenti jridu jkunu ddisinjati, immanifatturati, miżmuma u operati sewwa biex jiżguraw li jkunu adattati għall-għan li għalih inħolqu. Jekk dan ma jkunx il-każ, se jkun hemm riskju potenzjali li jintilef servizz essenzjali b'mod parzjali jew totali. Fl-ambitu SES, is-sistemi u l-kostitwenti huma koperti mir-Regolament (KE) Nru 552/2004 li jistabilixxi bażi ġuridika għal aktar implimentazzjoni bil-għan li tkun żgurata l-interoperabbilità fl-EATMN kollu, imma mingħajr objettivi tas-sigurtà ddettaljati. Ir-RE proposti fil-punt 3 u deskritti f'dan il-paragrafu, u dawk ta' hawn taħt, itejbu ċ-ċertezza ġuridika billi joħolqu bażi ġuridika aktar ċara għall-iżvilupp ta' regoli ta' l-implimentazzjoni ddettaljati. L-abbozz tar-RE kien emendat, fuq il-bażi tal-kummenti li waslu, biex jinkludi fih l-installazzjoni ta' sistemi biex ikopri l-infrastrutturi ta' appoġġ kruċjali, li huma essenzjali għall-forniment tas-servizzi ATM/ANS, u t-tieni nett biex jillimita l-applikabilità tagħhom għal dawk relatati għat-tagħrif ATM/ANS. Bħala kjarifika ġenerali, għandu jkun innotat li l-proċeduri operattivi

kienu koperti minn rekwiżiti essenzjali oħra relatati għas-servizzi u l-fornituri tas-servizzi. It-tieni nett, it-terminu 'adattati għall-għan li għalih inħolqu' hawnhekk qed jintuża biex tkun koperta l-funzjonalità maħsuba, li għandha wkoll rilevanza għas-sigurtà.

*L-integrità, il-prestazzjoni u l-affidabbiltà tas-sistemi u l-kostitwenti*

27. Il-paragrafu 3.b.1 jibni fuq ir-rekwiżit essenzjali ta' qabel, jirfina l-kunċett li s-sistemi u l-kostitwenti jridu jissodisfaw il-livell mistenni ta' prestazzjoni għall-kundizzjonijiet operattivi tagħhom kollha previsti u għall-ħajja operattiva kollha tagħhom. Ir-radars iridu jiffunzjonaw skond l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom fiċ-ċirkustanzi meteoroloġiċi previsti kollha; per eżempju, ir-rotazzjoni ta' l-antenna ma tridx tinbidel meta tkun installata fil-pajjiżi tat-tramuntana, fejn l-antenna tista' tkun miksija bis-silġ, jew meta tkun installata f'siti kostali affettwati minn irwiefen qawwija. Fuq il-bażi tal-kummenti li waslu, l-abbozz tar-RE kien emendat biex isir aktar konsistenti u biex ikun limitat għall-prestazzjoni relatata ma' l-objettivi tas-sigurtà, biex ikun iċċarat li objettivi oħra tal-prestazzjoni m'humiex koperti. Kien iċċarat ukoll li l-addattament għall-għan irid jintwera.

*Id-disinn tas-sistemi u l-kostitwenti*

28. Li sistemi u kostitwenti jiffunzjonaw tajjeb jista' jkun iggarantit biss jekk esperjenzi ta' nuqqasijiet fid-disinn tagħhom, li jwasslu għal aspetti perikolużi, ma jitħallewx mingħajr attenzjoni meħtieġa, u b'hekk jinfetaħ bieb biex dawn l-avvenimenti jseħħu mill-ġdid. Għaldaqstant il-paragrafu 3.c.1 jeħtieġ li, fejn ikun adattat, id-disinn tas-sistemi u l-kostitwenti jrid ikun ibbażat fuq il-kontroll tal-kwalità, biex ikun żgurat li l-esperjenza ta' aspetti perikolużi dejjem twassal għal ħidma korrettiva fid-disinn.

29. L-esperjenza wriet li mhux biżżejjed li jkun żgurat li d-disinn tas-sistemi jew il-kostitwenti jkun adattat bħala objettiv waħdieni. Aspett perikoluż ta' transponder ta' ajruplan jista' jseħħ biss meta hu jew l-antenna tiegħu jkunu installati fl-ajruplan, jew meta jkun affettwat minn diversi domandi f'ambjent ta' traffiku reali. L-għan tal-paragrafu 3.c.2 huwa li jirrikjedi li d-disinn tas-sistemi u l-kostitwenti jevalwahom sewwa bħala parti minn sistema jew kunċett totali. L-abbozz tar-RE kien emendat ftit fuq il-bażi tal-kummenti li waslu.

30. Waħda mill-aktar aspetti importanti tad-disinn tas-sistemi u l-kostitwenti hija l-kompatibilità mal-kapaċitajiet u l-prestazzjoni umani fil-modi kollha ta' l-operazzjonijiet. Per eżempju, id-disinn ta' l-instazzjonijiet tax-xogħol tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru inklużi l-mudelli multi-modali jridu jkunu kompatibbli mal-prattiċi tal-kontrolluri u jridu jkunu ddisinjati biex il-kontrollur, imħarreġ biex jużahom, ikun jista' jwettaq b'mod sigur il-kompiti assoċjati kif ukoll jimmaniġġja l-iżbalji li jistgħu jseħħu. Il-paragrafu 3.c.3 jillimita tali perikli billi jżid din il-kompatibilità mal-fatturi umani bħala kundizzjoni kumplimentari għad-disinn tas-sistemi u l-kostitwenti.

31. Iffunzjonar tajjeb tas-sistemi u tal-kostitwenti, spiss jiddependi fuq elementi esterni, bħalma hi s-sors ta' l-enerġija jew it-tiksiħ estern, jew jista' jkun affettwat b'mod negattiv mill-attivitajiet umani. Il-mitigazzjoni ta' tali perikli jista' f'xi każi jkun jeħtieġ faċilitajiet jew arranġamenti speċifiċi għas-sorveljanza u l-kontroll tagħhom. Il-paragrafu 3.c.4 jistabbilixxi mandat legali biex dan ikun impost, meta jkun meħtieġ min-natura ta' l-attività. Biex titneħħa kwalunkwe ambigwità fir-rigward tad-distinzjoni bejn l-aspetti tas-sigurtà differenti, ir-referenza għal 'interazzjonijiet perikolużi' ġiet mibdula bil-kliem 'interazzjonijiet ta' ħsara mingħajr intenzjoni'.

32. Huwa ovvju li s-sistemi u l-kostitwenti ma jistgħux jipprovdu għal servizz mhux mistenni jekk ma jkunux installati. Il-paragrafu 3.c.5 joħloq l-obbligu fuq l-organizzazzjoni responsabbli biex tiżgura li se jkun fornut tagħrif adattat għal dawn l-

għanijiet. Bħala punt ta' kjarifika, dan l-obbligu ma jkoprix ir-responsabbiltajiet ta' l-utenti u jista' ma jkoprix it-tagħrif kollu relatat ma' l-ambjent operattiv maħsub.

*Livell kontinwu ta' servizz*

33. Fil-maġġoranza tal-każijiet fejn is-sigurtà hija kruċjali, is-sistemi u l-kostitwenti jridu jkunu sorveljati biex ikun żgurat li l-livell tas-servizz ma jinbidilx b'mod negattiv. Hekk jiġri, per eżempju, b'xi sistemi tan-navigazzjoni, li l-integrità, l-affidabilità u l-istabbilità ta' l-operazzjonijiet tagħhom iridu jkunu ssorveljati kontinwament. In-nuqqas ta' tali miżuri jista' jwassal għal riskju potenzjali li l-ajruplan jikser is-separazzjoni minima meħtieġa minħabba problema fin-navigazzjoni. Dik kienet ir-raġuni għaliex kien żviluppat il-paragrafu 3.d.1, ibbażat fuq prinċipji simili kif iddefiniti mill-Anness 10 ta' l-ICAO, biex tkun żgurata s-sorveljanza kontinwa tas-sistemi u l-kostitwenti fejn is-sigurtà hija l-aktar kruċjali. Fuq il-bażi tal-konsultazzjoni, l-għan tas-sorveljanza kien iddefinit b'mod espress bħala li jkopri l-prestazzjoni rrelatata mas-sigurtà u l-integrità tas-sistemi u, fejn ikun adattat, il-kostitwenti tagħhom.

*Modifika tas-sistemi u l-kostitwenti*

34. Il-paragrafu 3.d.2 jiddetermina li l-modifika tad-disinn tas-sistemi u l-kostitwenti jrid jitwettaq b'mod xieraq. Modifika jew konfigurazzjoni ġdida tas-sistema għall-ipproċessar tad-dejta tat-titjira użata fil-forniment tas-servizz ATC, jekk ma titwettaqx sewwa, tista' twassal għat-telfien totali tas-servizz essenzjali tat-traffiku ta' l-ajru f'volum sinifikanti ta' l-ispazju ta' l-arja li jikkawża riskju maġġuri għas-sigurtà ta' l-ajruplani kollha kkontrollati f'dan l-ispazju ta' l-arja. L-objettiv tal-paragrafu 3.e.1 huwa li jordna bis-saħħa ta' mandat li kull bidla, modifika jew konfigurazzjoni mill-ġdid iridu jkunu introdotti b'mod ikkontrollat.

<u>Mitigazzjoni tar-riskji relatati mal-kwalifikazzjoni tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru</u>

*Ġenerali*

35. Huwa ovvju li l-forniment ta' servizz ATS sigur huwa pilastru essenzjali fis-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru. Dan jista' jinkiseb biss billi tkun żgurata l-kompetenza tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru. Hemm fehim ġenerali li l-ewwel kompetenza meħtieġa hija l-għarfien teoretiku. Minħabba li nuqqas ta' maturità biex wieħed jassimila t-taħriġ ta' xejra esiġenti titqies bħala periklu sinifikanti, hemm il-ħtieġa li tkun fornuta protezzjoni kontra tali riskju. L-iffissar ta' l-età minima tista' tkun għażla waħda, imma tali rekwiżit huwa relattivament nieqes mill-flessibilità u ma jqisx it-tipi diversi ta' taħriġ, jew il-livelli differenti tal-maturità f'individwi ta' l-istess età. Għaldaqstant kien ippreferut li tingħata definizzjoni ta' rekwiżit essenzjali li jista' jkun żviluppat b'mod adattat permezz tar-regoli ta' l-implimentazzjoni jekk ikun meħtieġ. Dan il-prinċipju ġenerali huwa stabbilit fil-paragrafu 4.a.1, li huwa konformi b'mod sħiħ ma' l-Anness 1 ta' l-ICAO dwar il-liċenzji tal-persunal. Wieħed jista' jinnota hawnhekk ukoll, f'sens aktar ġenerali, li din it-taqsima kollha ta' l-abbozz tar-rekwiżiti essenzjali dwar il-kwalifiki tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru, tforni qafas regolatorju konsistenti, li se jippermetti li jkunu indirizzati r-rekwiżiti fil-kwalifiki meħtieġa ta' persunal ieħor, jekk ikun deċiż hekk, f'ambjent ANS/ATM modern u li jinbidel kontinwament. Barra minn hekk, l-abbozz tar-rekwiżit essenzjali żviluppat f'dan il-qasam huwa konformi mad-Direttiva 2006/23/KE dwar liċenzja Komunitarja għall-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru.

*Għarfien teoretiku*

36. Għarfien teoretiku inadegwat jista' jżomm kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru milli jipperċepixxi l-ambjent tat-traffiku ta' l-ajru jew li jifhem kif l-attivitajiet tiegħu/tagħha jistgħu jaffettwawh. Aspett bażiku importanti li m'għandux jintesa waqt l-iżvilupp tar-rekwiżiti essenzjali huwa li jridu jkunu proporzjonati għall-objettiv tas-sigurtà.

Għaldaqstant, il-firxa ta' dan l-għarfien teoretiku trid tkun ibbilanċjata bil-kumplessità tal-funzjonijiet imwettqa u pproporzjonata għar-riskji assoċjati mat-tip ta' servizz imsemmi. Dan huwa l-prinċipju bażiku tal-paragrafu 4.b.1, li jippermetti li r-regoli ta' l-implimentazzjoni jkunu żviluppati waqt li jitqiesu r-rekwiżiti differenti ta' persunal differenti f'ambjenti differenti.

37. Il-livell ta' l–għarfien teoretiku meħtieġ jista' jintlaħaq biss permezz ta' taħriġ adattat. Taħriġ mhux adegwat jew mhux adattat għall-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru jista' jwassal għall-forniment ta' tagħrif żbaljat jew struzzjonijiet żbaljati lill-ajruplani, għal prattiċi differenti li jagħmlu diffiċli l-interazzjoni ma' l-ajruplani, jew, f'xi każijiet, anki għat-telfien ta' servizz essenzjali. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa ta' importanza vitali li tkun żgurata l-kwalità tat-taħriġ, permezz ta' evalwazzjoni kontinwa matul it-taħriġ jew eżamijiet adattati, u li l-għarfien teoretiku jkun akkwistat u miżmum sewwa. Il-paragrafu 4.b.2 jikkonċentra fuq il-forniment tal-bażi ġuridika għall-ħtieġa ta' tali metodi ta' taħriġ.

38. Ikun xi jkun il-livell tal-kompetenza, maż-żmien dan jista' tiddeterjora. Jekk dan it-tnaqqis tal-kompetenza jkun sinifikanti, dan jista' tikkostitwixxi riskju għall-kwalità tas-servizz fornut u jista' tagħmel ħsara lis-sigurtà ta' l-ajruplan. Galdaqstant, hemm ħtieġa ċara li permezz ta' evalwazzjonijiet jew eżamijiet regolari jintwera li l-kompetenza ma ddeterjoratx. Tabilħaqq, il-paragrafu 4.b.3 jistabbilixxi l-ħtieġa li jinżamm l-għarfien teoretiku u jintroduċi l-kunċett ta' esperjenza f'dan il-qasam. L-abbozz tar-rekwiżit essenzjali jippermetti wkoll l-aġġustament tal-perjodu bejn l-evalwazzjonijiet skond il-kumplessità tal-funzjonijiet imwettqa u li dan ikun adattat skond ir-riskji assoċjati mat-tip tas-servizz stabbilit. Aktar ma jkunu kumplessi l-funzjonijiet imwettqa, meta jitqies l-ambjent operattiv, iqsar se jkun il-perjodu bejn l-evalwazzjonijiet.

*Ħiliet prattiċi*

39. Il-ħiliet prattiċi huma t-tieni kompetenza kruċjali li kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru jrid ikollu. Kif iddikjarat fuq fil-każ ta' l-għarfien teoretiku rekwiżit, it-talba għall-ħiliet prattiċi trid tkun ipproporzjonata għall-objettiv tas-sigurtà u tiddependi fuq il-kumplessità tal-funzjonijiet imwettqa u tar-riskji assoċjati mat-tip ta' servizz. Il-paragrafu 4.c.1 jistabbilixxi l-ħtieġa li jkun akkwistat u miżmum il-livell adattat ta' ħiliet prattiċi. L-abbozz tar-rekwiżit essenzjali jispeċifika wkoll ħames oqsma ewlenin li fihom iridu jkunu żviluppati u miżmuma l-ħiliet prattiċi, mingħajr, madankollu, ma jkunu llimitati biss għall-punti elenkati.

40. Barra minn hekk, wieħed jista' jkun ċert biss li l-ħiliet prattiċi meħtieġa kienu akkwistati u miżmuma sewwa meta dan jintwera lil parti terza, li titqies bħala assessur. Il-prinċipju bażiku hija r-raġuni għall-paragrafu 4.c.2.

41. M'hemmx għalfejn jingħad li, fil-każ tal-ħiliet prattiċi, il-wiri tal-konformità jrid iseħħ permezz ta' evalwazzjonijiet jew eżamijiet regolari, biex ikun żgurat li l-kompetenza ma ddeterjoratx maż-żmien. Hawn ukoll, il-perjodu bejn l-evalwazzjonijiet jista' jvarja skond il-kumplessità tal-funzjonijiet imwettqa u l-livell tar-riskju assoċjat mal-kompiti mwettqa. Aktar dettalji dwar il-kontenut u l-firxa ta' l-istandards tat-taħriġ u l-frekwenza ta' l-evalwazzjonijiet se jkunu ddefiniti mir-regoli ta' l-implimentazzjoni relatati. Il-paragrafu 4.c.3 joħloq mandat ġuridiku biex ikopri r-rekwiżiti għall-evalwazzjonijiet regolari ta' tali ħiliet. L-abbozz tar-RE propost kien emendat ftit biex jiddikjara li l-frekwenza ta' l-evalwazzjoinijiet regolari tista' tkun ipproporzjonata mhux biss mal-livell tar-riskju assoċjat, imma wkoll mal-kumplessità tal-kompiti mwettqa.

*Kapaċità fil-lingwa*

42. Kif diġà huwa aċċettat fuq livell internazzjonali fil-komunità ta' l-avjazzjoni u minqux bħala rekwiżit fl-Anness I ta' l-ICAO, kif ukoll stabbilit mid-direttiva ta' l-UE dwar liċenzja Komunitarja ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru, irid ikun żgurat li l-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru jistgħu juru l-abilità li jitkellmu u jifhmu bl-Ingliż sa livell sodisfaċenti. L-użu ta' lingwa komuni huwa vitali għas-sigurtà tat-titjiriet. Il-paragrafu 4.d.1 jistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru biex juru l-kapaċità li jikkomunikaw bl-Ingliż b'mod effettiv.

43. Minħabba li huwa awtorizzat li l-piloti jużaw lingwa lokali f'ċerti volumi ta' l-ispazju ta' l-arja, minħabba raġunijiet tas-sigurtà ma jistax ikun evitat li tkun imposta kapaċità simili fil-lingwa lokali fuq dawk il-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru li jservu tali spazju ta' arja. Din hija r-raġuni għat-twaqqif tal-paragrafu 4.d.2.

*Strumenti tat-Taħriġ Sintetiċi*

44. Strumenti tat-taħriġ sintetiċi jintużaw dejjem aktar spiss fit-taħriġ fl-avjazzjoni moderna u fil-wiri tal-ħiliet prattiċi. L-Aġenzija tqis li huwa meħtieġ għaldaqstant li jkun hemm il-possibilità li timponi rekwiżiti kwalitattivi fuq il-livell tal-prestazzjoni tagħhom, fejn ikun meħtieġ u kif ikun adattat għat-taħriġ fornut. Il-paragrafu 4.e.1 jordna dan l-objettiv.

*Kors ta' Taħriġ*

45. Prinċipju bażiku ħafna ta' taħriġ adattat huwa li għandu jitwettaq permezz ta' kors ta' taħriġ. B'dan il-mod, ikun żgurat livell adegwat ta' standards uniformi fit-taħriġ. Is-sinifikat ta' metodi ta' taħriġ fir-rigward ta' servizzi siguri wassal biex dan ikun meħtieġ fil-livell ta' rekwiżit essenzjali, permezz tal-paragrafu 4.f.1.

46. In-nuqqas ta' elementi neċessarji fil-programm ta' taħriġ jista' jipproduċi kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru li m'humiex kapaċi jimmaniġġjaw sitwazzjonijiet kruċjali, u b'hekk joħolqu l-periklu. Għal din ir-raġuni, l-abbozz tar-rekwiżiti essenzjali jinkludi l-ħtieġa ta' pjan ta' taħriġ fil-paragrafu 0.

*Għalliema*

47. Il-kwalità tal-kors tat-taħriġ m'hijiex l-uniku kriterju għal taħriġ tajjeb. Il-kwalifiki ta' l-għalliema huma wkoll fattur sinifikanti fit-tagħlim ġenerali. Dan naturalment jinkludi l-għarfien adattat fil-qasam fejn se jingħata t-tagħlim. Kif ukoll il-kapaċità li jintużaw metodi ta' tagħlim adattati. Il-paragrafu 4.g.1 jindirizza din il-kwistjoni. Huwa bbażat, għal darb'oħra, fuq l-Anness 1 ta' l-ICAO u huwa diġà implimentat fid-Direttiva dwar il-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru. Il-kontenut ta' l-abbozz tar-RE kien iċċarat fuq il-bażi tal-kummenti li waslu billi kien impost li l-għalliem irid juri wkoll l-abilità tiegħu/tagħha li juża tali metodi ta' tagħlim.

48. M'hemmx għalfejn jingħad li l-kriterji dwar il-kwalifiki kienu ddisinjati biex japplikaw mhux biss għat-tagħlim teoretiku, imma wkoll għat-tagħlim dwar il-ħiliet prattiċi. Madankollu, it-taħriġ dwar il-ħiliet prattiċi jirrikjedi, min-natura tiegħu, tipi oħra ta' kwalifiki wkoll. Huwa aċċettat b'mod wiesa' li l-għalliem irid ikun jaf, u jkollu esperjenza ta', l-ambjent u l-proċeduri li fihom se jingħata t-tagħlim. L-għalliem ukoll irid jirċievi taħriġ ta' aġġornament li jiżgura li l-istandards tat-tagħlim jinżammu aġġornati. Il-paragrafu 4.g.2 jintroduċi mandat ġuridiku li jirregola l-kwalifiki għat-tagħlim dwar il-ħiliet prattiċi. Bħall-każ tat-tagħlim teoretiku, l-abbozz tar-RE kien iċċarat fuq il-bażi tal-kummenti li waslu billi impona li l-għalliem ukoll irid juri l-abilità tiegħu/tagħha fl-użu tal-metodi tat-tagħlim.

49. Il-paragrafu 4.g.3 jirrikjedi li l-għalliem ikun jew kien intitolat li jaġixxi bħala kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru. M'hemmx għalfejn jingħad li l-għalliem, meta jissorvelja kontrollur student fuq il-post tax-xogħol, irid iwettaq azzjonijiet immedjati u adattati jekk l-istudent jagħmel żball ta' ġudizzju u jippermetti li tiżviluppa sitwazzjoni sa punt perikoluż. Dan għal darb'oħra huwa konformi ma' l-Anness I ta' l-ICAO u mad-Direttiva ta' l-UE.

*Assessuri*

50. Kif deskritt fuq, hemm il-ħtieġa għal evalwazzjoni jew eżami tal-ħiliet prattiċi, biex ikun ivverifikat li l-kompetenza adattata kienet akkwistata u nżammet. Dan il-prinċipju komuni kien, għal darb'oħra, diġà stabbilit, u l-esperjenza turi li dawn l-evalwazzjonijiet jistgħu jkunu effiċjenti biss jekk l-assessuri (jew l-eżaminaturi) jkunu kkwalifikati kif jixraq. Il-paragrafu 4.h.1 jistabbilixxi l-kriterji dwar il-kwalifiki li jridu jintwerew mill-assessuri biex ikunu jistgħu jevalwaw il-ħiliet ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru b'mod adattat u armonizzat. L-obbligu li tintwera l-kapaċità li wieħed jevalwa żdiedet mar-RE fuq il-bażi tal-kummenti li waslu.

51. Kif kien spjegat diġà fil-każ ta' l-għalliema, l-assessur irid ikun jew kien intitolat li jaġixxi bħala kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru. Dan ir-rekwiżit, stabbilit fil-paragrafu 4.h.2, imur lil hinn minn dak li huwa rekwiżit mill-ICAO jew mid-Direttiva ta' l-UE; madankollu, dan jinħass mill-Aġenzija li huwa meħtieġ, fuq il-bażi ta' l-esperjenza akkwistata fir-rigward tas-sigurtà, li turi li persuna ekwivalenti biss tista' tiġġudika sewwa il-kompetenza ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru.

*Is-saħħa medika ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru*

52. Huwa evidenti li l-persuni kollha li jfornu servizzi ATC jridu jkunu f'saħħithom mil-lat fiżiku u mediku, Waqt li titqies in-natura kruċjali tas-sigurtà u r-rekwiżiti speċifiċi tipiċi ta' tali funzjonijiet. Dan huwa l-prinċipju bażiku stabbilit bħala l-kriterju mediku għal kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru fil-paragrafu 4.i.1.

53. Rekwiżiti dettaljati li juru tali adattament se jkunu stabbiliti fir-regoli ta' l-implimentazzjoni rispettivi. Dawn iridu jagħtu d-dettalji ta' kif irid isir il-wiri tan-nuqqas ta' kwalunkwe mard jew diżabilità, li jirrendi lill-persuna li tforni servizz ATC mingħajr il-kapaċità li twettaq sewwa l-kompiti neċessarji, jew li twettaq id-doveri assenjati lilha fi kwalunkwe ħin jew li tipperċepixxi b'mod korrett l-ambjent tagħha. Il-kriterji ta' l-aħħar huma maħsuba wkoll biex jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' persunal li ma jkunux tajbin biex iwettqu d-doveri tagħhom minħabba l-użu ta' sustanzi psikoattivi. Il-paragrafu 4.i.1 għaldaqstant jiistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-evalwazzjonijiet u l-eżamijiet meħtieġa biex juru l-abilità ta' persuna li tforni servizz kruċjali għas-sigurtà li jwettaq il-funzjonijiet tagħha.

54. Madankollu, il-paragrafu 4.i.2 jippermetti devjazzjonijiet meta miżuri ta' mitigazzjoni adattati jistgħu jkunu implimentati biex ikun żgurat li nżamm il-livell ta' sigurtà. Persuna tista' ma tkunx tajba biex teżerċità wħud mill-funzjonijiet ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru u xorta, taħt ċerti kundizzjonijiet, bħal proċeduri jew tagħmir adattati, jew limitazzjoni fuq il-kompiti li jistgħu jitwettqu, ma tkun ta' l-ebda riskju għat-traffiku ta' l-ajru. Dan huwa importanti, minħabba li jekk persuna li l-kapaċitajiet tagħha jkunu naqsu ftit biss tkun iddikjarata bħala m'hijiex tajba b'mod totali dan se jwassal biex dik il-persuna titlef il-professjoni tagħha għal xejn.

Mitigazzjoni tar-riskji relatati mal-forrnituri ta' servizz u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ

*Ġenerali*

55. Kif intwera minn diversi perikli f'dan il-qasam, is-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru f'ħafna każijiet hija dipendenti fuq il-forniment adattat ta' servizzi ATM/ANS iddefiniti, li mbagħad iwasslu għall-ipoteżi li organizzazzjoni tax-xogħol li m'hijiex effettiva fi ħdan fornitur ta' servizz tista' tbaxxi l-livell tas-sigurtà u bħala konsegwenza tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' dawn il-perikli. Għaldaqstant, huwa indispensabbli li jkun żgurat li l-organizzazzjonijiet imsemmija jkollhom il-mezzi adegwati biex ifornu s-servizzi intenzjonati. Ir-rekwiżiti ppreżentati fit-taqsima 5.a kienu ddisinjati biex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li jridu jkunu sodisfatti minn dawn l-organizzazzjonijiet u biex jiżguraw li huma jwettqu l-obbligi tagħhom. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005, Anness I diġà jimponi r-rekwiżiti ġenerali fuq l-organizzazzjoni tal-fornituri tas-servizz irregolat. Ir-RE proposti taħt il-punt 5 jikkjarifika l-objettivi tas-sigurtà essenzjali f'dan il-qasam li se jservu bħala bażi għall-iżvilupp tar-regoli ta' l-implimentazzjoni ddettaljati.

56. Il-fornituri tas-servizz ATM/ANS u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ ATC iridu jkunu kapaċi jfornu servizzi b'mod sigur, kontinwu u sostenibbli, b'mod konsistenti ma' livell raġonevoli ta' domanda ġenerali. In-natura kumplessa tal-funzjonijiet tagħhom u l-ħtieġa qawwija għall-interazzjoni u koordinazzjoni bil-galbu jirrikjedu li l-korpi involuti jridu jistabbilixxu u jżommu sistemi ta' ġestjoni ta' prestazzjoni għolja li jkopru s-sistemi u l-kostitwenti, il-faċilitajiet, l-istrutturi tal-ġestjoni, il-persunal, id-dokumentazzjoni tal-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-proċeduri, l-aċċess għad-dejta rilevanti u ż-żamma ta' rekords rilevanti, biex imexxu 'l quddiem kultura reali ta' sigurtà. Fornitur ta' servizzi ATC li ma jkollux strutturi tal-ġestjoni ddefiniti u għaldaqstant ma jkunx kapaċi biex b'mod sistematiku jagħti prijorità lis-sigurtà, ikun vulnerabbli ħafna għal responsabbiltajiet imċajpra fil-forniment tas-servizz, li mbagħad b'mod ċar ikunu fattur kontribwenti għall-perikli għas-sigurtà. Din hija r-raġuni għall-paragrafu 5.a.1 li jirrikjedi t-twaqqif ta' strutturi ta' ġestjoni adattati. Dan huwa konsistenti mas-SARPs ta' l-ICAO fl-Anness 11 u ma' l-iskema taċ-ċertifikazzjoni żviluppata permezz tar-regolazzjoni ta' l-implimentazzjoni SES li tistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, kif ukoll mad-Direttiva ta' l-UE dwar il-liċenzja Komunitarja għall-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru fir-rigward tal-forniment tat-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru. L-abbozz tar-RE kien ikkumplimentat bit-tidħil ta' referenza diretta għas-sistemi ta' l-enerġija, li għandhom tabilħaqq rwol essenzjali li jagħtu s-setgħa lill-forniment ta' servizz ATM/ANS li jkun qed iseħħ. Dan kien intalab f'diversi kummenti li waslu għand l-Aġenzija.

57. Barra minn hekk, il-kumplessità u l-volum ta' l-operazzjonijiet fil-forniment ta' servizz ATM/ANS jirrikjedi li l-organizzazzjoni topera b'mod standardizzat biex tipprovdi għal livell simili ta' sigurtà fiċ-ċirkustanzi kollha u permezz tas-servizzi kollha fornuti. Biex jinkiseb dan l-objettiv, l-operazzjonijiet tagħhom iridu jitwettqu skond il-manwali tal-ġestjoni u l-operat, biex il-persunal kollu jkun kapaċi jaħdem dejjem bl-istess mod konsistenti, u titħaffef il-komunikazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra involuti fil-forniment ta' servizz, kif ukoll ma' utenti differenti ta' l-ispazju ta' l-arja. Komunikazzjoni batuta twassal għal nuqqas ta' fehim li jista' jkun il-kawża ta' aċċident jew inċident. Din hija r-raġuni għaliex il-paragrafu 5.a.2 jimponi t-twaqqif ta' manwali organizzattivi adattati, b'mod simili ħafna għal dak meħtieġ mill-manwal tal-ġestjoni tas-sigurtà ta' l-ICAO, u kif meħtieġ mir-rekwiżiti komuni tas-SES.

58. L-obbligu ewlieni tal-fornituri ta' servizz ATM/ANS u ta' l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ ATC huwa li jiżguraw li s-servizzi fornuti jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti ta' din il-Fajl mehmuż. Bħala eżempju, jekk għal kwalunkwe raġuni t-tagħrif dwar it-titjira fornut lit-traffiku ta' l-ajru jsir mhux konformi, il-fornitur tas-servizz irid jiżgura li tittieħed azzjoni ta' rimedju jew li jittieħdu il-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa. Dan biex ikunu evitati l-perikli maħluqa għall-operat ta' l-ajruplani bbażati fuq servizz kruċjali li m'għadux jikkonforma mal-mezzi ta' mitigazzjoni rilevanti ddefiniti. Barra minn hekk, evalwazzjoni sistematika tar-riskju u l-mitigazzjoni trid titwettaq għal kwalunkwe tibdil fl-elementi tal-katina ta' forniment ta' servizz tas-sigurtà kruċjali, biex tkun żgurata l-konformità kontinwa mar-rekwiżiti essenzjali u jinkisbu b'mod sħiħ il-benefiċċji ta' titjib

pro-attiv maħluqa minn sistema ta' ġestjoni bbażata fuq ir-riskji. Dan il-prinċipju bażiku ta' l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni bbażata fuq ir-riskji huwa stabbilit fil-paragrafu 5.a.3. Dispożizzjonijiet simili jinstabu fir-regola ta' l-implimentazzjoni 2096/2005 tas-SES u fl-EUROCONTROL ESARR 3.

59. Kif diġà kien spjegat fil-paragrafi relatati għall-professjonijiet regolati, huwa ċar li l-kompetenza ta' persuna li twettaq kompiti kruċjali għas-sigurtà relatati għall-forniment ta' servizz ANS/ATM hija essenzjali għas-sigurtà tat-titjira. Dan il-prinċipju jista' jkun impost bħala responsabbiltà organizzattiva biex jinżammu l-kwalifiki professjonali tal-persunal f'kompiti kruċjali għas-sigurtà, permezz ta' l-implimentazzjoni ta' programmi ta' taħriġ u evalwazzjoni. Il-livell ta' kompetenza ta' persuna jista' jiddeterjora maż-żmien, u l-bażi ta' l-għarfien użata fit-taħriġ tal-bidu tista' tiskadi fir-rigward tat-tibdil fil-kunċett ta' l-operazzjonijiet; dan jista' jikkostitwixxi riskju għas-sigurtà fil-forniment ta' servizz, fl-ambitu ta' struzzjonijiet ħżiena lill-pilota, jew fin-nuqqas ta' kapaċità li jkun eżerċitat kontroll f'sitwazzjoni ta' traffiku ffullat. Din hija r-raġuni għaliex il-paragrafu 5.a.4 jintroduċi l-ħtieġa għall-organizzazzjonijiet li jiżguraw il-ħila tal-persuni fil-kompiti kruċjali għas-sigurtà li jwettqu d-doveri tagħhom sewwa u li jżommu tali kompetenza. Dan huwa f'konformità sħiħa mar-responsabbiltajiet organizzattivi stabbiliti mis-SARPs ta' l-ICAO, mir-rekwiżiti komuni tas-SES għall-forniment ta' l-ANS u fl-ESARR 5, paragrafu 5.1.2.

60. It-twettiq sigur ta' servizzi ANS/ATM jikkonsisti f'diversi funzjonijiet u interazzjonijiet minn katina ta' organizzazzjonijiet u persuni differenti. Il-fornitur ta' servizz ANS/ATM huwa wieħed minn dawn l-atturi, li l-operazzjonijiet tiegħu jridu jkunu siguri, imma li jridu jkunu wkoll magħquda elettronikament u kkoordinati b'mod sigur ma' partijiet rilevanti oħra f'katina ta' servizz. Dan huwa tabilħaqq minnu, per eżempju, fil-każ tas-servizz ATC għat-traffiku ta' ajrudrom, li definittivament irid ikollu għaqdiet elettroniċi ċari u mingħajr ambigwità ma' dawk inkarigati mill-kontroll ta' l-użu ta' diversi vetturi fiż-żona ta' moviment ta' ajrudrom. Kieku ma kienx hemm din l-għaqda elettronika, kien ikun ikkawżat riskju potenzjali għas-sigurtà ta' kolliżjoni bejn kwalunkwe vettura u ajruplan. Is-sinifikat ta' koordinazzjoni fir-rigward tal-forniment ta' servizz sigur għamilha neċessarja li dan ikun meħtieġ fil-livell ta' rekwiżit essenzjali, bħal fil-każ tal-paragrafu 5.a.5. Dan kien wieħed mill-prinċipji imperattivi anki għall-ICAO meta impona rekwiżiti fuq id-diversi atturi fl-avjazzjoni. Il-koordinazzjoni u l-għaqdiet elettroniċi formali bejn l-atturi differenti kienu koperti mir-regola ta' l-implimentazzjoni 2096/2005 tas-SES u fl-ESARR 3, paragrafu 5.2.6. L-abbozz tar-RE kien emendat xi ftit minħabba raġunijiet editorjali.

61. Parti essenzjali mill-forniment ta' servizz ANS/ATM hija li sitwazzjonijiet ta' emerġenza u avvenimenti ta' tfixkil tas-servizzi huma ppjanati u implimentati b'mod pro-attiv permezz ta' ppjanar ta' kontinġenza formali. Jekk ċentru ta' kontroll ta' żona f'daqqa waħda jitlef il-kapaċitajiet tiegħu għall-ipproċessar tad-dejta tat-titjiriet, irid ikollu proċeduri formali u bil-miktub dwar kif se jikkoordina s-sitwazzjoni ma' l-ajruplani li jkollu taħt il-kontroll tiegħu, maċ-ċentri ta' kontroll ta' żoni ġirien, kif ukoll ma' l-unitajiet tal-kontroll ta' l-approċċ u t-torri tal-kontroll fil-FIR. Huwa għaldaqstant essenzjali li jkunu mmitigati r-riskji relatati b'miżuri ta' kontinġenza ppjanati minn qabel. L-implimentazzjoni u t-twaqqif ta' pjanijiet ta' kontinġenza huma stabbiliti bis-setgħa ta' mandat fil-paragrafu 5.a.6 u jirriflettu d-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu 2 u l-Fajl Mehmuż D, fir-rigward tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru, ta' l-Anness 11 ta' l-ICAO. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 jipprovdi rekwiżit għall-ippjanar ta' kontinġenza mill-organizzazzjonijiet milquta. L-abbozz tar-RE kien emendat minħabba raġunijiet editorjali.

62. Sistema ta' reġistrazzjoni u analiżi ta' l-okkorrenzi hija waħda mis-sisien tal-ġestjoni tas-sigurtà fl-avjazzjoni. Dan m'huwa kkontestat minn ħadd u diġà huwa impost b'mod legali mil-leġiżlazzjoni Komunitarja f'oqsma oħra tas-sigurtà fl-avjazzjoni, kif ukoll fl-ATM permezz tar-rekwiżiti komuni tas-SES. Din l-istess bażi hija kondiviża mill-ICAO u

hija ddikjarata fil-manwal tal-ġestjoni tas-sigurtà tagħha. Din il-bażi wiesgħa u konsistenti jeħtieġ li tisseddaq b'miżuri ta' aktar implimentazzjoni kumplimentari fir-rigward tal-forniment tas-servizz ATM/ANS u t-taħriġ ATC. Dan huwa l-isfond għall-paragrafu 5.a.7. Tali objettivi huma koperti fl-ambitu SES għall-fornituri ta' servizz ATS fir-Regolament (KE) Nru 2096/2005 u fl-ESARR 3, paragrafu 5.3.2.

63. Fir-rigward tas-sistemi tekniċi u l-kostitwenti fil-forniment ta' servizz ATM/ANS, il-mezz regolatorju tas-sigurtà għandu jimponi rekwiżiti ta' prestazzjoni minima vitali għall-operat sigur tat-traffiku ta' l-ajru, minflok jirregola l-implimentazzjoni teknika tagħhom. Imbagħad irid ikun il-fornitur tas-servizz li jiżgura li dawn il-kriterji tal-prestazzjoni jkunu kontinwament sodisfatti jew, meta dan ma jkunx il-każ, li jkunu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni adattati. Dan huwa l-għan tal-paragrafu 5.a.8. ESARR 3, paragrafu 5.3.2 jistabbilixxi dispożizzjonijiet ekwivalenti. L-abbozz tar-RE kien emendat biex ikun aktar ċar u biex jispeċifika aktar li l-effett tiegħu huwa limitat għar-rekwiżiti tal-prestazzjoni relatata mas-sigurtà.

*Forniment ta' servizz ATC*

64. Is-servizzi ATC għandhom l-objettiv tas-sigurtà prinċipali li jevitaw il-kolliżjonijiet bejn l-ajruplani u bejn l-ajruplani u kwalunkwe ostaklu fuq l-art. In-natura sinifikanti ta' dawn is-servizzi toħloq il-ħtieġa li jkunu imposti mezzi ta' mitigazzjoni speċifiċi għall-organizzazzjonijiet inkarigati minn dawn is-servizzi. Ir-rekwiżiti ppreżentati fis-sezzjoni 5.b kienu żviluppati biex ikunu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi li jridu jkunu sodisfatti minn dawn l-organizzazzjonijiet u biex ikun żgurat li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti imposti. Dispożizzjonijiet ekwivalenti jinsabu fl-ESARR 3. L-Aġenzija sostniet il-fehma tagħha li tillimita dawn ir-RE għall-forniment tas-servizz ATC, minkejja li xi kummenti li waslu ssuġġerew li titwessa' biex tkopri l-forniment tas-servizz ATC. L-abbozz tar-RE kien, madankollu, emendat xi ftit minħabba raġunijiet editorjali.

65. Ħadd ma jikkontesta li l-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru huma atturi ewlenin li jiżguraw is-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru fil-każ tat-titjiriet ikkontrollati, speċjalment fir-rigward ta' dawk il-partijiet ta' l-ispazju ta' l-arja użati minn volumi għoljin ta' ajruplani. L-esperjenza uriet u diversi okkorrenzi tas-sigurtà indikaw, li persunal ta' l-ATC jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom biss jekk ma jkunux għajjenin. L-għeja hija kawża potenzjali ta' tnaqqis fil-prestazzjoni, li minnha m'hemmx ċertezza li l-persuna tista' titqajjem f'sitwazzjoni eżiġenti. Għaldaqstant huwa importanti li jittieħdu miżuri li jimmaniġġjaw l-għeja u jiżguraw limitazzjoni adattata għall-perjodi tax-xogħol u l-ħin tax-xogħol kif ukoll jiżguraw mistrieħ adattat qabel jerġa' jibda jitwettaq ix-xogħol. Dan għandu jsir permezz ta' sistema ta' roster adattata. Dan huwa l-objettiv tal-paragrafu 5.b.1 li jkopri wkoll l-intenzjoni tas-SARPs fl-Annessi ta' l-ICAO relatati għal dan is-suġġett.

66. Huwa komunament irrikonoxxut li fatturi umani oħra, bħal ma hu l-istress, jistgħu jaffettwaw il-ħila ta' persuna li twettaq id-doveri tagħha sewwa. Dan għandu jitqies bħala periklu għas-sigurtà fl-ambjenti tax-xogħol bħall-ATC, li jirrikjedu livell għoli ta' ġudizzju u fehim. Għaldaqstant, il-paragrafu 5.b.2 jagħti s-setgħa bis-saħħa ta' mandat lill-iżvilupp ta' programmi meħtieġa li jkunu implimentati mill-fornituri tas-servizz ATC biex jimmitigaw tali riskji.

67. Bħala kontinwazzjoni maż-żewġ paragrafi ta' fuq, huwa rikonoxxut tabilħaqq anki f'dan il-qasam li l-ġudizzju konoxxittiv tal-persunal jista' jixxekkel minħabba raġunijiet oħra, bħall-influwenza ta' sustanzi psikoattivi. L-intenzjoni tal-paragrafu 5.b.3 hija li jiżgura li l-fornituri tas-servizz ATC ikollhom proċeduri adattati biex jindirizzaw dawn ir-riskji fejn ikun adattat.

68. Kien stabbilit fl-ewwel taqsima ta' dan l-Anness li, biex ikunu evitati r-riskji għas-sigurtà kkawżati minn kapaċità għall-forniment ta' servizz li ma tkunx suffiċjenti, iridu jkunu stabbiliti mezzi li jiżguraw li l-volumi tat-traffiku ta' l-ajru ma jaqbżux il-kapaċità

massima fid-disinn ta' l-ispazju ta' l-arja. F'konformità ma' dan, huwa meħtieġ li jkun impost li l-fornituri tas-servizz ATC iqisu l-limitazzjonijiet tekniċi u operattivi kollha flimkien mal-fatturi umani fl-ippjanar ta' l-operazzjonijiet tagħhom. Dawn il-limitazzjonijiet naturalment irid ikun fihom il-valuri massimi stabbiliti, kif ukoll l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' mezzi adattati biex jillimitaw id-dħul tat-traffiku fl-ispazju ta' l-arja minħabba raġunijiet ta' sigurtà. Il-paragrafu 5.b.4 jistabbilixxi dawn il-prinċipji. Fuq il-bażi tal-kummenti li waslu, u biex tkun iċċarata t-tifsira ta' dan ir-RE bħala rekwiżit organizzattiv, tneħħiet l-aħħar parti tiegħu, li tirreferi direttament għall-valuri massimi tat-traffiku ta' l-ajru li huma permessi u għall-mezzi tal-kontroll.

*Forniment ta' servizz ta' komunikazzjoni, navigazzjoni u sorveljanza*

69. Il-forniment ta' l-ATC jiddependi ħafna fuq li s-servizzi tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni u s-sorveljanza jfornu mezzi adattati għall-iskambju tat-tagħrif bejn is-servizzi ATS u t-traffiku ta' l-ajru, ifornu dejta dwar il-pożizzjoni preċiża lill-ajruplani u jfornu dejta preċiża lill-unitajiet ATC dwar il-pożizzjoni tat-traffiku ta' l-ajru. Per eżempju, it-telfien tal-kapaċità fil-komunikazzjoni ta' unità ATC jikkawża t-telfien totali ta' servizz essenzjali relatat mas-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jkun stabbilit rekwiżit organizzattiv għall-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni, in-navigazzjoni u s-sorveljanza biex il-partijiet rilevanti kollha jinżammu infurmati fuq bażi puntwali dwar l-istatus operattiv tas-servizzi tagħhom. Dan huma impost fil-paragrafu 5.c.1, li huwa konformi b'mod sħiħ mal-prinċipji tas-SARPs ta' l-ICAO fl-Annessi 10 u 11.

*Organizzazzjonijiet tat-taħriġ*

70. Il-forniment ta' taħriġ ATC tqies bħala fattur importanti li jikkontribwixxi għall-kwalità tal-forniment ta' servizz ATC u għaldaqtant huwa aspett ta' rilevanza għas-sigurtà. Livell għoli u uniformi ta' forniment ATC huwa sinifikanti, mhux biss fir-rigward ta' fornituri waħdanin tas-servizz, imma speċjalment għall-għaqda elettronika bejn il-fornituri ta' servizzi differenti. Din hija wkoll il-linja fid-Direttiva ta' l-UE dwar il-liċenzja Komunitarja tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru. Għal dawn ir-raġunijiet, il-paragrafu 5.d.1 jistabbilixxi li l-fornituri tat-taħriġ ATC ikollhom il-mezzi u l-istrutturi tal-ġestjoni adattati biex jiżguraw livell għoli ta' taħriġ ATC.

## II. Rekwiżiti essenzjali għall-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru

1. L-użu ta' l-Ispazju ta' l-Arja

1.a. L-ajruplani kollha, fil-fażijiet kollha tat-titjira jew fiż-żona ta' moviment ta' l-ajrudrom, għandhom ikunu operati f'konformità mar-regoli operattivi ġenerali komuni u kwalunkwe proċedura speċifikata għall-użu ta' dak l-ispazju ta' l-arja skond il-kunċett ta' l-operazzjonijiet applikabbli.

1.b. L-ajruplani kollha jridu jkunu mgħammra bit-tagħmir rekwiżit mill-kunċett ta' l-operazzjonijiet applikabbli u operati kif jixraq. It-tagħmir, meta użat fis-sistema ATM/ANS, għandu jkun konformi wkoll mar-rekwiżiti fil-punt 3.

2. Is-servizzi

2.a. Tagħrif u dejta ajrunawtiċi għall-utenti ta' l-ispazju ta' l-arja bil-għan tan-navigazzjoni bl-ajru;

2.a.1. Id-dejta użata bħala għajn għat-tagħrif ajrunawtiku trid tkun ta' kwalità adattata, sħiħa, attwali u fornuta f'waqtha.

2.a.2. It-tagħrif ajrunawtiku li jirriżulta jrid ikun preċiż, sħiħ, attwali, mingħajr ambigwità u f'format adattat għall-utenti.

2.a.3. It-tixrid ta' tali tagħrif ajrunawtiku lill-utenti ta' l-ispazju ta' l-arja jrid ikun puntwali, ta' integrità adattata u permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni siguri biżżejjed u adattati biex isiru b'ħeffa, protetti mill-interferenza u l-korruzzjoni.

2.b. Tagħrif meteoroloġiku

2.b.1. Id-dejta użata bħala għajn għat-tagħrif meteoroloġiku għall-ajrunawtika trid tkun ta' kwalità adattata, sħiħa u attwali.

2.b.2. It-tagħrif meteoroloġiku għall-ajrunawtika li jirriżulta jrid ikun biżżejjed preċiż, sħiħ, attwali u mingħajr ambigwità biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-utenti ta' l-ispazju ta' l-arja.

2.b.3. It-tixrid ta' tali tagħrif meteoroloġiku għall-ajrunawtika lill-utenti ta' l-ispazju ta' l-arja jrid ikun puntwali, ta' integrità adattata u permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni siguri biżżejjed u adattati biex isiru b'ħeffa, protetti mill-interferenza u l-korruzzjoni.

2.c. Is-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru

2.c.1. Id-dejta użata bħala għajn għall-forniment tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru trid tkun korretta, sħiħa u attwali.

2.c.2. Is-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru li jirriżultaw iridu jkunu preċiżi biżżejjed, sħaħ, attwali, u mingħajr ambigwità biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-utenti.

2.c.3. Għodda awtomatizzata li tforni tagħrif jew pariri lill-utenti trid tkun iddisinjata, immanifatturata u miżmuma sewwa biex tiżgura li tkun adattata għall-għan li għalih kienet intenzjonata.

2.c.4. Is-servizzi tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru u l-proċessi relatati jridu jipprovdu għal seperazzjoni adattata bejn l-ajruplani, l-ostakli u perikli oħra miġrura bl-ajru; u jridu jiżguraw koordinazzjoni pronta u f'waqtha ma' l-utenti rilevanti kollha u mal-volumi ta' l-ispazju ta' l-arja fil-ġnub.

2.c.5. Il-komunikazzjoni bejn il-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru u l-ajruplani u bejn l-unitajiet rilevanti tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru trid tkun f'waqtha, ċara, korretta, mingħajr ambigwità, protetta mill-intrużjonijiet u tiftiehem u tingħaraf b'mod komuni mill-atturi kollha involuti.

2.c.6. Għandu jkun hemm fis-seħħ mezzi biex jindunaw b'emergenzi possibbli, u meta jkun adattat, biex jagħtu bidu għal azzjoni effettiva ta' tiftix u ta' salvataġġ. Tali mezzi jridu, mill-inqas, jinkludu mekkaniżmi adattati li jiġbdu l-attenzjoni, miżuri u proċeduri ta' koordinazzjoni, mezzi u persunal biex ikopru b'effiċjenza ż-żona ta' responsabbiltà.

2.d. Is-servizzi ta' komunikazzjoni

2.d.1. Il-komunikazzjonijiet iridu jiksbu u jżommu kapaċità ta' prestazzjoni adattata, inklużi l-kriterji dwar id-disponibilità, l-integrità, il-kontinwità u l-puntwalità tas-servizz. Dawn iridu jkunu siguri, protetti mill-korruzzjoni u adattati biex isiru b'ħeffa.

2.e. Is-servizz ta' navigazzjoni

2.e.1. Servizz ta' navigazzjoni jrid jikseb u jżomm livell adattat ta' prestazzjoni fir-rigward tat-tagħrif li jiggwida, jagħti l-pożizzjoni u, meta fornut, li jagħti l-iskedar tal-ħin. Il-kriterji tal-prestazzjoni jinkludu l-preċiżjoni, l-integrità, id-disponibbiltà u l-kontinwità.

2.f. Is-servizz ta' sorveljanza

2.f.1. Servizz ta' sorveljanza jrid jiddetermina l-pożizzjoni rispettiva ta' l-ajruplani fl-arja, u ta' ajruplani oħra u l-vetturi ta' l-art fuq wiċċ l-art ta' l-ajruport, bi prestazzjoni adattata, inklużi l-kriterji għall-preċiżjoni, l-integrità, il-kontinwità u l-probabilità ta' l-iżvelar tiegħu.

2.g. Il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku ta' l-ajru

2.g.1. Il-ġestjoni tattika tal-flussi tat-traffiku ta' l-ajru f'livell Komunitarju għandha tuża u tforni tagħrif preċiż u attwali biżżejjed dwar il-volum u n-natura tat-traffiku ta' l-ajru ppjanat li jaffettwa l-forniment tas-servizz u għandha tikkoordina u tinnegozja t-tibdil fir-rotot jew id-dewmien tal-flussi tat-traffiku biex tevita li jinħolqu sitwazzjonijiet ta' ffullar fl-arja jew fl-ajrudromi.

2.h. Il-ġestjoni ta' l-ispazju ta' l-arja

2.h.1. L-indikazzjoni ta' volumi speċifiċi ta' l-ispazju ta' l-arja għal użu speċifiku għandha tkun immonitorjata, ikkoordinata u ppromulgata b'mod li tkun puntwali biex ikun evitat kwalunkwe telf tas-separazzjoni bejn l-ajruplani fiċ-ċirkustanzi kollha.

3. Is-Sistemi u l-Kostitwenti

3.a. Ġenerali

3.a.1. Is-sistemi u l-kostitwenti li jipprovdu tagħrif relatat għall-ATM/ANS lil u mill-ajruplani u fl-art iridu jkunu ddisinjati, immanifatturati, installati, miżmuma u mħaddma kif jixraq biex ikun żgurat li huma adattati għall-għan li għalih inħolqu.

3.b. L-integrità, il-prestazzjoni u l-affidabbiltà tas-sistemi u l-kostitwenti

3.b.1. L-integrità u l-prestazzjoni relatati mas-sigurtà tas-sistemi u l-kostitwenti, meqjusin kollettivament, separatament u f'relazzjoni bejniethom, kemm fuq l-ajruplani, fuq l-art jew fl-ispazju, iridu jintwerew li huma adattati għall-għan li għalih inħolqu. Iridu jissodisfaw il-livell mistenni ta' prestazzjoni meħtieġ mill-kunċetti ta' l-operazzjonijiet għall-kundizzjonijiet operattivi previsti kollha tagħhom u tul il-ħajja operattiva kollha tagħhom.

3.c. Id-disinn tas-sistemi u l-kostitwenti

3.c.1. Is-sistemi u l-kostitwenti ma għandux ikollhom aspetti jew dettalji fid-disinn li mill-esperjenza jkunu ntwerew li huma perikolużi.

3.c.2. Is-sistemi u l-kostitwenti, meqjusin kollettivament, separatament u f'relazzjoni bejniethom, iridu jkunu ddisinjati b'mod li jkun hemm relazzjoni bil-maqlub bejn il-probabbiltà ta' xi nuqqas u s-severità ta' l-effett tiegħu fuq is-servizz.

3.c.3. Is-sistemi u l-kostitwenti, meqjusin individwalment jew f'kombinazzjoni bejniethom, iridu jkunu ddisinjati billi jitqiesu l-limitazzjonijiet relatati għall-kapaċitajiet u l-prestazzjoni umana.

3.c.4. Is-sistemi u l-kostitwenti jridu jkunu ddisinjati b'mod li jkunu protetti minn interazzjonijiet ma' elementi esterni li jistgħu jikkawżawlhom ħsara mhux intenzjonata.

3.c.5. It-tagħrif meħtieġ għall-manifattura, l-installazzjoni, it-tħaddim u ż-żamma tas-sistemi u l-kostitwenti kif ukoll it-tagħrif rigward il-kundizzjonijiet perikolużi jrid ikun fornut lill-persunal b'mod ċar, konsistenti u mingħajr ambigwità.

3.d. Livell ta' servizz kontinwu

3.d.1. Iridu jkunu fornuti l-mezzi li jippermettu l-monitoraġġ ta' l-integrità u l-prestazzjoni tas-sigurtà u l-konfigurazzjoni mill-ġdid tas-sistemi u l-kostitwenti, kif meħtieġ għaż-żamma tal-livell tas-servizz.

3.e. Modifika tas-sistemi u l-kostitwenti

3.e.1. Meta s-sistemi u l-kostitwenti jkunu mmodifikati, huma jridu jkomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali ta' din it-taqsima. Meta jkunu implimentati l-modifiki waqt l-operazzjonijiet, irid ikun żviluppat proċess ta' bidla li jiżgura li jinżamm livell minimu ta' servizz.

4. <u>Il-kwalifiki tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru</u>

4.a. Ġenerali

4.a.1. Persuna li twettaq taħriġ bħala kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru trid tkun matura biżżejjed mil-lat edukattiv, fiżiku u mentali biex tikseb, iżżomm u turi t-tagħrif teoretiku u l-ħiliet prattiċi rilevanti.

4.b. It-tagħrif teoretiku

4.b.1. Kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru jrid jikseb u jżomm livell ta' tagħrif adattat għall-funzjonijiet imwettqa u pproporzjonat għar-riskji assoċjati mat-tip tas-servizz.

4.b.2. L-akkwist u ż-żamma tat-tagħrif teoretiku jridu jintwerew minn evalwazzjoni kontinwa matul it-taħriġ, jew permezz ta' eżamijiet adattati.

4.b.3. Irid jinżamm livell adattat ta' tagħrif teoretiku. Il-konformità trid tintwera permezz ta' evalwazzjonijiet jew eżamijiet regolari. Il-frekwenza ta' l-eżamijiet trid tkun ipproporzjonata għal-livell tar-riskju assoċjat mat-tip tas-servizz.

4.c. Il-ħiliet prattiċi

4.c.1. Kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru jrid jakkwista u jżomm il-ħiliet prattiċi adattati biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu/tagħha. Tali ħiliet iridu jkunu pproporzjonati għar-riskji assoċjati mat-tip ta' servizz u jridu jkopru mill-inqas, jekk ikun adattat għall-funzjonijiet imwettqa, il-punti li ġejjin:

i Il-proċeduri operattivi

ii L-aspetti speċifiċi tal-kompiti

iii Sitwazzjonijiet li m'humiex normali jew ta' emerġenza

iv Il-fatturi umani

v Il-ġestjoni tal-perikli u l-iżbalji

4.c.2. Kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru jrid juri l-abilità li jwettaq il-proċeduri u l-kompiti assoċjati b'livell ta' kompetenza adattata għall-funzjonijiet imwettqa.

4.c.3. Irid jinżamm livell sodisfaċenti ta' kompetenza fil-ħiliet prattiċi. Il-konformità trid tintwera permezz ta' evalwazzjonijiet jew eżamijiet regulari. Il-frekwenza ta' dawn l-evalwazzjonijiet trid tkun ipproporzjonata għall-kumplessità u l-livell tar-riskju assoċjati mat-tip ta' servizz u l-kompiti mwettqa.

4.d. Il-kapaċità fil-lingwa

4.d.1. Kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru jrid ikun wera l-kapaċità li jitkellem u jifhem l-Ingliż sal-punt li jkun kapaċi jikkomunika b'mod effettiv f'sitwazzjonijiet ta' vuċi biss (telefown/radjutelefown) u wiċċ imb'wiċċ ma' l-ekwipaġġi tat-titjira u persunal relatat ieħor dwar suġġetti konkreti u relatati max-xogħol, li jinkludu sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

4.d.2. Kull meta jkun meħtieġ f'volum iddefinit ta' spazju ta' l-arja għall-iskopijiet tal-forniment ta' servizz ATC, persuna li tforni servizz ATC irid ukoll ikollha l-kapaċità li titkellem u tifhem il-lingwa(i) lokali sa fejn hu deskritt fuq.

4.e. Strumenti tat-Taħriġ Sintetiċi

4.e.1. Meta STD jintużaw għat-taħriġ prattiku dwar l-għarfien ta' sitwazzjonijiet u l-fatturi umani, jew biex juru li tkun inkisbet jew inżammet ħila, irid ikollhom livell ta' prestazzjoni li jippermetti replika adattata ta' l-ambjent tax-xogħol u sitwazzjonijiet operattivi adattati għat-taħriġ li jkun qed jiġi fornut.

4.f. Kors ta' Taħriġ

4.f.1. It-taħriġ irid jitwettaq permezz ta' kors ta' taħriġ, li jista' jinkludi tagħlim teoretiku u prattiku, inkluż taħriġ sintetiku, jekk ikun applikabbli;

4.f.2. Pjan ta' taħriġ irid ikun iddefinit u approvat għal kull tip ta' kors.

4.g. L-għalliema

4.g.1. Tagħlim teoretiku jrid jingħata minn għalliema kkwalifikati b'mod adattat. Huma jeħtieġ li:

i ikollhom għarfien adattat fil-qasam li fih se jingħata t-tagħlim; u

ii juru l-abilità li jużaw metodi ta' tagħlim adattati.

4.g.2. Tagħlim dwar il-ħiliet prattiċi jrid jingħata minn għalliema kkwalifikati b'mod adattat, li jrid ikollhom il-kwalifiki li ġejjin:

i jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' għarfien teoretiku u esperjenza adattati għat-tagħlim li qed jingħata;

ii juru l-abilità li jużaw metodi ta' tagħlim adattati;

iii ikunu pprattikaw metodi ta' tagħlim f'dawk il-proċeduri li dwarhom hemm il-ħsieb li jingħata t-tagħlim;

iv juru l-abilità li jgħallmu f'dawk l-oqsma li fihom se jingħata t-tagħlim; u

v jirċievu taħriġ ta' aġġornament regulari biex jiżguraw li jinżammu l-kompetenzi fit-tagħlim

4.g.3. L-għalliema tal-ħiliet prattiċi jridu jkunu wkoll, jew kienu, intitolati li jaġixxu bħala kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru.

4.h. L-assessuri

4.h.1. Il-persuni responsabbli għall-evalwazzjoni tal-ħiliet tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru jridu:

i ikunu wrew l-abilità li jevalwaw il-prestazzjoni ta', u jwettqu testijiet u jeżaminaw, il-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru;

ii ikunu wrew l-abilità li jevalwaw f'dawk l-oqsma li fihom trid issir l-evalwazzjoni; u

iii jieħdu sehem b'mod regolari f'taħriġ ta' aġġornament biex jiżguraw li jinżammu aġġornati l-istandards ta' l-evalwazzjoni

4.h.2. L-assessuri tal-ħiliet prattiċi jridu jkunu jew kienu wkoll intitolati li jaġixxu bħala kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru.

4.i. Is-saħħa medika ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru

4.i.1. Kriterji mediċi

4.i.1.i. Il-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru kollha jridu perjodikament juru li huma medikament f'saħħithom biex iwettqu b'mod sodisfaċenti l-funzjonijiet tagħhom. Il-konformità trid tintwera b'evalwazzjoni adatta li tqis id-degradazzjoni mentali u fiżika possibbli minħabba l-età.

4.i.1.ii. Il-wiri tas-saħħa medika, li tħaddan is-saħħa fiżika u mentali, għandu jinkludi n-nuqqas stabbilit ta' kwalunkwe mard jew diżabilità, li jirrendu persuna mingħajr il-kapaċità li tforni servizz ATC:

i li twettaq sewwa l-kompiti meħtieġa biex tforni servizz ta' kontroll tat-traffiku ta' l-ajru; jew

ii li twettaq id-doveri assenjati lilha fi kwalunkwe ħin; jew

iii li tipperċepixxi b'mod korrett l-ambjent tagħha

4.i.2. Fejn is-saħħa medika ma tistax tintwera b'mod sħiħ, jistgħu jiġu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni li jipprovdu sigurtà ekwivalenti.

5. <u>Dawk li jfornu servizz u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ</u>

5.a. Il-forniment tas-servizz m'għandux jitwettaq qabel ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

5.a.1. Il-fornitur ta' servizz irid ikollu, direttament jew indirettament permezz ta' kuntratti, il-mezzi meħtieġa għad-daqs u l-firxa tas-servizz. Dawn il-mezzi jħaddnu, imma m'humiex limitati għal, dawn li ġejjin: is-sistemi, il-faċilitajiet, inkluż il-forniment ta' l-enerġija, l-istruttura tal-ġestjoni, il-persunal, it-tagħmir u l-manutenzjoni tiegħu, id-dokumentazzjoni tal-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-proċeduri, l-aċċess għal dejta rilevanti u ż-żamma tar-rekords;

5.a.2. Il-fornitur ta' servizz irid jiżviluppa u jżomm aġġornati l-manwali tal-ġestjoni u l-operat relatati mal-forniment tas-servizzi tiegħu u jopera f'konformità ma' dawn il-manwali. Tali manwali jrid ikun fihom l-istruzzjonijiet, it-tagħrif u l-proċeduri kollha meħtieġa għall-operazzjonijiet, is-sistema tal-ġestjoni u biex il-persunal ta' l-operazzjonijiet iwettqu d-dmirijiet tagħhom;

5.a.3. Il-fornitur ta' servizz irid jimplimenta u jżomm sistema ta' ġestjoni bbażata fuq ir-riskji biex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali ta' dan l-Anness u jimmira għat-titjib kontinwu pro-attiv ta' din is-sistema;

5.a.4. Il-fornitur ta' servizz irid juża biss persunal ikkwalifikat u mħarreġ b'mod adattat u jimplimenta u jżomm programmi ta' taħriġ u ta' evalwazzjoni għall-persunal;

5.a.5. Il-fornitur ta' servizz irid jistabbilixxi konnessjonijiet elettroniċi formali mal-kontributuri l-oħrajn kollha għall-forniment tas-servizz biex jiżgura l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti essenzjali;

5.a.6. Il-fornitur ta' servizz irid jistabilixxi u jimplimenta pjan ta' kontinġenza li jkopri sitwazzjonijiet ta' emerġenza u anormali li jistgħu jseħħu fir-rigward tas-servizzi tiegħu;

5.a.7. Il-fornitur ta' servizz irid jistabbilixxi u jżomm programm ta' prevenzjoni ta' l-aċċidenti u sigurtà li jinkludi programm ta' rapporti u analiżi ta' l-okkorrenzi, li jrid jintuża mis-sistema ta' ġestjoni biex tikkontribwixxi għall-għan ta' titjib kontinwu tas-sigurtà; u

5.a.8. Il-fornitur ta' servizz irid jagħmel arranġamenti biex jivverifika li r-rekwiżiti dwar il-prestazzjoni tas-sigurtà ta' kwalunkwe sistema u kostitwent illi huwa jopera jkunu sodisfatti f'kull ħin.

5.b. L-għoti ta' servizz ATC m'għandux jitwettaq qabel ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

5.b.1. Il-prevenzjoni ta' l-għeja tal-persunal li jipprovdu servizz ATC trid tkun immaniġġjata permezz ta' sistema ta' roster. Tali sistema ta' roster jeħtieġ li tindirizza l-perjodi tax-xogħol, il-ħin tax-xogħol u l-perjodi tal-mistrieħ adattati. Il-limitazzjonijiet stabbiliti fis-sistema tar-roster iridu jqisu l-fatturi rilevanti li jikkontribwixxu għall-għeja bħal m'huma, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' l-irqad, l-isfrattu taċ-ċikli bijoloġiċi ta' kuljum, is-sigħat ta' bil-lejl, l-akkumulazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol għal perijodi ta' żmien speċifiċi u l-kondiviżjoni ta' kompiti allokati fost il-persunal.

5.b.2. Il-prevenzjoni ta' l-istress fil-persunal li jipprovdi servizz ATC trid tkun immaniġġjata permezz ta' programmi ta' edukazzjoni u prevenzjoni.

5.b.3. Il-fornitur ta' servizz ATC irid ikollu fis-seħħ proċeduri biex jivverifika li l-ġudizzju konoxxittiv tal-persunal li jipprovdi s-servizzi ATC m'huwiex imxekkel jew li s-saħħa medika tal-persunal m'hijiex inadegwata.

5.b.4. Il-fornitur ta' servizz ATC irid iqis il-limitazzjonijiet operattivi u tekniċi kif ukoll il-prinċipji tal-fattur uman fl-ippjanar u l-operat tiegħu.

5.c. Il-forniment ta' servizz ta' Komunikazzjoni, Navigazzjoni u/jew Sorveljanza ma jridx jitwettaq qabel ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

5.c.1. Il-fornitur ta' servizz irid iżomm lill-utenti ta' l-ispazju ta' l-arja rilevanti u t-taqsimiet ATS infurmati fuq bażi puntwali dwar l-istatus operattiv (u t-tibdil fih) tas-servizzi tiegħu fornuti għall-għanijiet ta' l-ATS.

5.d. Organizzazzjonijiet tat-taħriġ

5.d.1. Organizzazzjoni tat-taħriġ li tipprovdi taħriġ għall-persunal li jipprovdu servizz ATC trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

i ikollha l-mezzi kollha meħtieġa għall-firxa tar-responsabbiltajiet assoċjati ma' l-attività tagħha. Dawn il-mezzi jinkludu, imma

m'humiex limitati għal, dawn li ġejjin: il-faċilitajiet, il-persunal, it-tagħmir, il-metodoloġija, id-dokumentazzjoni tal-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-proċeduri, l-aċċess għad-dejta rilevanti u ż-żamma tar-rekords;

ii timplimenta u żżomm sistema ta' ġestjoni relatata mas-sigurtà u l-istandard tat-taħriġ, u timmira għal titjib kontinwu f'din is-sistema; u

iii tistabbilixxi arranġamenti ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħra, kif ikun meħtieġ, biex tiżgura l-konformità kontinwa ma' dawn ir-rekwiżiti essenzjali